MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1937/1999/1

**Carmel sive Charles Gauci**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku, John Mary Ciappara, Sonia Ciappara u b' digriet tal-24 ta' Settembru 1999 giet ikkonfermata l-istess Sonia Ciappara bhala kuratrici biex tirraprezenta lill-minuri Shanice sallum maghrufa Ciappara, u b'digriet tat-3 ta' April 2000 l-istess Sonia Ciappara giet sostwieta b'kuraturi deputati bhala kuratrici ta' l-istess minuri; u b'digriet tal-11 ta' Gunju 2004, minhabba l-fatt li l-istess kuraturi depuatati qatt ma gew appuntati, nominati u notifikati, gie revokat *contrario imperio* d-digriet tat-3 ta' April 2000 u l-konvenut John Mary Ciappara gie nominat bhala kuratur ta' l-istess minuri Shanice Ciappara.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta' Settembru 1999 (a fol. 1 tal-process) fejn gie premess:-

Illi l-istanti kellu relazzjoni intima mal-konvenuta Sonia mart John Mary Ciappara ghal numru ta' snin;

Illi fit-23 ta' Gunju 1995 il-konvenuta welldet tarbija bl-isem "Shanice" li giet registrata fl-att tat-twelid numru 2589/95 bhala bint John Mary Ciappara u martu Sonia Ciappara nee' Debattista;

Illi fil-15 ta' April 1999 jirrizulta permezz ta' DNA Paternity Testing illi l-imsemmija Shanice mhix bint il-konvenut John Mary Ciappara izda hija l-bint naturali ta' l-istanti Charles Gauci;

Illi bhala l-missier naturali tal-minuri Shanice, l-istanti ghandu dritt li jigi rikoxxut ufficjalment bhala missier it-tarbija fl-istatus civili ta' bintu;

Illi bhalissa bintu tinsab fil-kustodja ta' l-imsemmi John Mary Ciappara peress li l-konvenuta Sonia Ciappara hija mifruda *"de facto"* minnu, fatt li jfisser li l-minuri Shanice la qieghda fil-kura u kustodja ta' ommha u lanqas ta' missierha naturali izda fil-kustodja ta' ragel li m' huwiex missierha;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara illi l-minuri Shanice hija bint naturali tal-istanti Charles Gauci, kif jirrizulta mid-DNA Paternity Testing Report hawn anness;

2. Tordna li fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri numru 2598/95 isem missier it-tarbija jinbidel u jsir Carmel sive Charles Gauci;

*3.* Takkorda l-kura u kustodja ta' Shanice lill-istanti jew lill-konvenuta Sonia Ciappara, omm l-istess Shanice.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista tax-xhieda a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat ir-rikors tal-attur Carmel sive Charels Gauci datat 2 ta' Settembru 1999, fejn talab bir-rispett li din l-Qorti jogghobha tappunta l-kawza ghal data vicina biex tigi ttrattata u deciza bl-urgenza.
Rat id-digriet datat 2 ta' Settembru 1999, fejn il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo filwaqt li cahdet it-talba ghall-urgenza, derilha li l-kawza kellha tinghata preferenza u ghalhekk giet appunta ghas-17 ta' Jannar 2000.

Rat ir-rikors tal-attur Carmel sive Charles Gauci datat 2 ta' Settembru 1999, fejn talab bir-rispett illi din l-Qorti jogghobha tappunta kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri Shanice Ciappara u jipprotegu l-interessi taghha fl-atti tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti.

Rat id-digriet datat 13 ta' Settembru 1999, fejn gie ordnat il-hrug tas-soliti bandi.

Rat in-nota ta' Sonia Ciappara 24 ta' Settembru 1999, li permezz taghha ddikjarat li hija l-omm naturali tal-istess minuri Shanice u ghalhekk, filwaqt illi hija indikata wkoll bhala konvenuta fl-istess kawza, pero' hija toffri li taccetta l-hatra ta' kuratur ghall-istess minuri bintha Shanice Ciappara.

Rat id-digriet datat 24 ta' Settembru 1999 fejn il-Qorti kkonfermat lill-istess Sonia Ciappara bhala kuratrici ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat ir-rikors tal-attur Carmel sive Charles Gauci (3), datat 21 ta' Ottubru 1999, a fol. 27, fejn talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tibghat il-kawza quddiem

Imhallef iehor biex tigi appuntata ghal data aktar vicina sabiex tigi trattata u deciza b'urgenza.

Rat id-digriet datat 5 ta' Novembru 1999, a fol. 29 fejn il-Qorti laqghat it-talba, filwaqt li ordnat in-notifika lill-kontro-parti w irrikjamat l-istess kawza biex tinstema' minn din il-Qorti kif preseduta fid-19 ta' Novembru 1999.

Rat ir-rikors tal-konvenut John Mary Ciappara (1) datat 12 ta' Novembru 1999, fejn talab umilment lil dina l-Onorabbli Qorti biex fl-ewwel lok tfornih bid-dettalji kollha rigwardanti c-citazzjoni odjerna fl-ismijiet kif fuq premessi u jekk il-kawza tmiss bhala mertu oqsma li jimpingu direttament interessi tal-esponenti, u f'kaz li l-istess esponenti mhux diga' ndikat bhala konvenut, allura l-esponenti qieghed minn issa jitlob li jew jigi kjamat in kawza minn din il-Qorti stess jew inkella li jintervjeni f'din il-kawza u dana bid-drittijiet kollha li taghtih il-ligi u b'dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhirilha xieraq u gust illi taghti w tordna.

Rat il-verbal datat 19 ta' Novembru 1999 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn Dr. Tonio Azzopardi u Dr. Ian Spiteri Bailey ghall-attur talbu li l-kura u kustodja tal-minuri Shanice tinghata provizorjament lill-attur u lil Sonia Ciappara li huma l- genituri ta' Shanice kif jirrizulta mid-DNA *test report* u li qieghdin jikoabitaw. Il-Qorti hekk diversament presjeduta f'dak l-istadju anke' minghajr ma semghet lill-konvenut John Mary Ciappara cahdet din it-talba peress illi dak li qed jintalab huwa propju mill-mertu ta' din il-kawza li qed tigi ttrattata b' urgenza. Dr. Tonio Azzopardi u Dr. Ian Spiteri Bailey ghall-attur jitolbu illi *'pendente lite'* u partikolarment minhabba illi l-kontenut tar-rapport ta' Dr. Blackman sar maghruf mill-konvenut Ciappara jitolbu illi:

1. Jinhatar kuratur addizzjonali *'ad litem'* biex ihares l-interessi tal-minuri, *social worker* nominat mid-Direttur responsabbli ghas-*social welfare;*

2. Jinghata kull provvediment iehor mehtieg biex jassigura illi bint l-attur u Sonia Ciappara ma tigix ivvittinizzata kemm idum fil-kura u l-kustodja tat-terzi.

Rat ir-rikors tal-konvenut John Mary Ciappara, datat 1999, fejn talab umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex

a. Tirrevoka fl-ewwel lok *'contrario imperii'* id-digriet taghha tal-erba' u ghoxrin (24) ta' Settembru, tal-elf disa' mija disa' u disghin (1999), fejn giet nominata Sonia Ciappara bhala kuratrici *'ad litem'* biex tirrapprezenta lil minuri Shanice sallum maghrufa Ciappara, u dana peress li Shanice Ciappara ta' erba' snin u nofs qed issirilha hafna hsara morali, psikologika, fizjologika u fizika b' din in-nomina, apparti mill-fatt li l-konvenut John Mary Ciappara li jahbat il-missier naturali u legali tal-istess minuri Shanice Ciappara ta' erba' snin u nofs lanqas biss kien gie notifikat bir-rikors ghat-talba ta' din in-nomina u fid-dawl tad-decizzjoni ta' din il-Qorti kif ippreseduta fic-citazzjoni numru 2440/98 – NA fl-ismijiet: **"Natasha Psaila Gallo – vs – Fernando Psaila",** din l-istess Qorti kienet iddikjarat li hija favur li f'Qorti l-minuri ghandhom ikollhom vuci permezz ta' rapprezentanza ta' nies kompetenti u li jkunu integri li certament in-nomina ta' Sonia Ciappara ma tikwalifikax f' dan il-qasam;

b. Tordna s-smiegh preliminari tal-partijiet interessati dwar minn ghandu jew min m' ghandux jirrapprezenta lil Shanice Ciappara ta' erba' snin u nofs, bint John Mary Ciappara u Sonia Ciappara Debattista;

c. Taghti dawk il-provvedimenti ulterjuri kollha mehtiega lil dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u gust li taghti u tordna fic-cirkostanzi.

Il-Qorti tifhem illi l-attur qed jaghmel referenza ghall-atti ta' rikors f' citazzjoni li giet proposta mill-konvenut John Mary Ciappara kontra l-konvenuta l-ohra Sonia Debattista Ciappara (Cit Nru: 948/99) liema rikors gie pprezentat mill-istess attur f' dik il-kawza fit-28 ta' April 1999. Dr. Bezzina talab zmien gimgha millum biex iwiegeb ghal din it-talba. Il-Qorti tat gimgha zmien mid-data tal-verbal

ghar-risposta u dan ukoll biex hija stess ikollha l-opportunita' tezamina r-rapport ta' Dr. Blackman fuq imsemmi. Sadanitant b' referenza ghar-rikors tal-konvenut John Mary Ciappara tad-19 ta' Novembru 1999 kopja ta' dan inghatat seduta *stante* lill-attur li wkoll ghandu gimgha zmien ghar-risposta. Il-Qorti tat fakulta' tar-risposta lill-konvenuta Sonia Ciappara. Dwar dawn il-materji l-Qorti tipprovdi kameralment dment li jidhlu r-risposti. Dr. Bezzina talab lill-Qorti illi fid-dawl tat-talbiet tal-attur dina l-kawza ghandha timxi kontestwalment mac-citazzjoni numru u mar-rikors numru 948/99 quddiem din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet Ciappara John Mary vs Ciappara Debattista Sonia, fejn hemm appuntata l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea biex tisma' l-provi. Il-Qorti laqghat it-talba fis-sens illi l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea hija wkoll appuntata biex tigbor il-provi f' din il-kawza b' dan il-provi li ghandhom jingabru l-ewwel huma provi f' din il-kawza u fil-kawza l-ohra fir-rigward biss f' dan l-istadju ghat-talba ta' kura u kustodja u access relattiv ghaz-zewg ulied minuri. Finalment il-Qorti ordnat li r-rikors tad-19 ta' Novembru 1999 tal-konvenut John Mary Ciappara jigi wkoll notifikat lill-konvenut Direttur Registru Pubbliku li jkollu erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut John Mary Ciappara ghat-talbiet tal-attur *'pendente lite'* a bazi tal-verbal tas-19 ta' Novembru 1999, datata 26 ta' Novembru 1999.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 26 ta' Novembru 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Sonia Ciappara, f' isimha personali u kif ukoll bhala kuratur nominata sabiex tirrapprezenta lill-minuri Shanice sal-lum maghrufa Ciappara, datata 19 ta' Novembru 1999, fejn esponit bir-rispett:

1. Illi hija tammetti t-talbiet attrici *stante* li l-eccippjenti (l-omm) u l-attur (il-missier naturali) qieghdin jikkoabitaw, post il-minuri Shanice huwa indubbjament fil-kura u

kustodja tal-genituri, u fl-interess suprem tal-istess minuri, m'ghandhux jintilef zmien biex din ir-realta' tigi attwata;

2. Illi b' rizerva ghal kull eccezzjoni ohra opportuna.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Sonia Ciappara u l-lista tax-xhieda a fol. 36.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 1 ta' Dicembru 1999 a fol. 40 tal-process, fejn espona bir-rispett:-

1. Illi l-att tat-twelid numru 2589/95 relattiv ghall-minuri Shanice gie redatt korrettement skond il-ligi u jirrifletti l-istat legittimu tal-wild fl-epoka tat-twelid;

2. Illi fil-mertu illi f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba tal-attur ma tistax tintlaqa' *stante* li din tmur kontra d-dispozizzjonijiet kontenuti fl-**artikolu 81 (2) tal-Kap. 16;**

4. Illi *inoltre* u bla pregudizzju ghas-suespost, tinhtieg il-prova tal-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konvenuti John Mary Ciappara u Sonia Ciappara fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tat-tarbija;

5. Illi bla pregudizzju, l-attur kien missu specifika d-dettalji personali li qieghed jitlob li jigu nseriti fic-certifikat tat-twelid numru 2589/95 kif ukoll kien missu talab li fl-istess att tat-twelid il-kliem *'the said'* fil-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet tal-omm jigu kancellati;

6. Illi wkoll bla pregudizzju, il-bidla li qieghda tintalab tirrigwarda dokument pubbliku li jikkoncerna minuri u li jekk kemm-il darba tintlaqa' zgur li ser tifluwixxi fuq il-hajja futura tal-istess minuri, ghalhekk jinhtieg li kwalunkwe prova li tingieb tkun konvincenti w ammissibbli skond il-ligi, aktar u aktar jekk is-separazzjoni bejn il-konvenuti Sonia u John Mary Ciappara li l-attur irrefera ghaliha fic-citazzjoni tieghu hija *'de facto'* u mhux *'de jure';*

7. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid imsemmi huma ghal kollox estranei ghal konvenut, huwa m' ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza;

8. Illi salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Mary Ciappara datata 6 ta' Dicembru 1999 a fol. 44A tal-process fejn ecepixxa bil-qima:-

1. Illi *in linea preliminari* t-talbiet attrici huma kollha nulli w invalidi skond il-ligi, u ghaldaqstant ic-Citazzjoni odjerna intavolata fit-2 ta' Settembru 1999 hija wkoll nulla w invalida billi m' ghandhiex bazi legali skond il-ligijiet ta' Malta, kif jirrizulta minn dawna l-eccezzjonijiet li jsewgu, mid-Dikjarazzjoni Guramentata tal-eccepjenti, mill-kontro-talba tal-konvenut John Mary Ciappara, u mill-provi li jitressqu fil-mori ta' din il-kawza;

2. Illi ulterjorment *in linea preliminari* wkoll in-nullita' tal-ewwel talba tal-attur billi l-prova tat-testijiet u provi genetici u xjentifici hija privilegg legali li tappartjeni esklussivament u *ipso jure* biss lir-ragel legalment mizzewweg lil omm it-tarbija u li jkun il-missier jew l-allegat missier tal-istess tarbija, u dan a bazi tal-**artikolu 70, sub-artikolu 1 paragrafu 'd' tal-Kap. 16, tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Civili);**

3. Illi l-attur m' ghandux *locus standi* f' din il-kawza, u ghalhekk ukoll *in linea preliminari* din il-kawza hija nulla, billi a bazi tal-**artikolu 77 tal-Kodici Civili** l-attur kellu triq wahda miftuha legalment ghalih u cioe' illi jipprova li fiz-zmien bejn it-tlett mitt (300) gurnata u l-mija u tmenin (180) gurnata qabel it-twelid tat-tifla minuri Shanice, ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha, fatt li bl-ebda mod ma sar accenn ghalih mill-attur, fatt li kien l-uniku triq

legalment miftuha ghall-attur, u kwindi n-nuqqas ta’ bazi legali jfisser li l-attur qatt ma seta’ kellu *‘locus standi’* biex jintavola din il-kawza u kwindi din il-kawza hija nulla w invalida skond il-ligi;

4. Illi l-ammissjoni tal-attur li la huwa w anqas il-konvenuta Sonia Ciappara ma kellhom il-kura u kustodja tal-minuri Shanice Ciappara (illum ta’ erba’ snin u nofs (4 ½)), ifisser li abbuzivament, illegalment, unilaterament, u minghajr il-kunsens u awtorizazzajoni ta’ missier il-minuri Shanice Ciappara, l-attur kisser vjolentement l-**artikolu 100 A tal-Kodici Civili** peress illi l-ebda testijiet u provi genetici u xjentifici ma setghu legalment isiru mill-attur gia’ ladarba twettaq dan l-abbuz, dina l-Qorti ghandha tordna l-isfliz tad-Dok. “B” f’ a fol. 6, 7, 8, u 9 tal-process, billi dawna saru bi vjolazzjoni tal-Ligi kemm civili kif ukoll kriminali (u li passi legali adekwati sejrin jittiehdu mill-konvenut John Mary Ciappara kontra kull min kien responsabbli ghal dana l-att vjolentament abbuziv fuq bintu Shanice Ciappara), u ma kienx hemm l-awtorizazzjoni u kunsens espress li jsiru mill-persuna li effettivament kellu l-kura u kustodja tal-minuri fil-15 ta’ April 1999, li kien il-konvenut John Mary Ciappara, u cioe’ il-missier ta’ Shanice Ciappara li twieldet nhar il-Gimgha, 23 ta’ Gunju 1995, fil-Pieta’;

5. Illi ghaldaqstant l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda bhala legalment infondata, fattwalment abbuziva, u dana b’ dawk is-sanzjonijiet li din il-Qorti ghandha timponi fuq l-attur anke’ a bazi tal-kontro-talba tal-istess konvenut eccepjenti f’ din ic-Citazzjoni odjerna;

6. Illi *in linea preliminari* wkoll in-nullita’ tat-tieni (2) talba attrici u dana peress li l-attur kull ma huwa qed jitlob huwa li l-isem missier it-tarbija jinbidel u jsir Carmel sive Charles Gauci, mentri kull min ghandu ideja tad-dettalji li huma annotati f’ Att ta’ Twelid fir-Registru Pubbliku ta’ Malta, insibu effettivament illi fir-rigward tal-missier, u fejn ikun joqghod il-missier, u isem u kunjom il-missier, jekk mhux haj jew mejjet, tal-istess missier: u qisu hawn l-attur b’ mod legger u irrisponsabbli qed jghidlina illi jrid izomm il-gisem ta’ John Mary Ciappara sempliciment jibdel ras

John Mary Ciappara w iqieghed ras Carmel Gauci billi kull m’ hu qieghed jitlob Carmel sive Charles Gauci huwa li jitnehha sempliciment isem il-missier u jsir Carmel Gauci u allura l-professjoni, sengha jew stat iehor, l-eta’, il-post fejn twieled, il-post fejn joqghod, u isem u l-kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet ta’ John Mary Ciappara se jibqghu identici fic-certidfikat tal-Att tat-Twelid li jgib in-numru tal-Iskrizzjoni 2589/95, meta dana evidentament ma jaghmilx sens, u kwindi minn dana l-lat it-tieni talba attrici ma tista’ qatt kif inhi impustata tigi milqugha, u kwindi, hija nulla w invalida skond il-ligi;

7. Illi fir-rigward tat-tielet (3) talba attrici din ukoll hija nulla jew jekk mhux nulla din il-Qorti ghandha tiddikjara li hija konflingenti fl-interess li tesponi billi l-attur irid illi jkollu l-kura u kustodja ta’ Shanice f’idejh jew bhala alternattiva f’ idejn persuna li kontra taghha qed jaghmel l-istess kawza u li m’ hijiex legalment martu *ossia* Sonia Ciappara, omm mhux ikkontestata ta’ Shanice Mikela Antonia Ciappara, bint John Mary Ciappara li twieldet fis-sebgha nieqes ghaxra (6.50 p.m.) ta’ filghaxija ta’ nhar il-Gimgha, 23 ta’ Gunju 1995: illi fil-kuntest tal-kawza odjerna tali talba hija nulla billi jew il-kawza saret minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet *in linea preliminare* gia’ sollevati aktar ‘il fuq, jew dina saret biex tiddetermina l-paternita’ tal-minuri Shanice Mikela Antonia, jew inkella saret kawza biex jigi determinat il-kura u l-kustodja tal-minuri, meta f’ dan il-kuntest l-attur *ossia* Carmel Gauci zgur ma jistax ikollu ebda interess guridiku, kwindi m’ ghandux *locus standi* u kwindi tali talba hija wkoll nulla w invalida skond il-ligi u ghalhekk ghandha tigi respinta minn dina l-wisq Onorabbli Qorti;

8. Illi f’dana l-kuntest kwindi t-tlett talbiet attrici huma kollha nulli w invalidi skond il-ligi u anke’ a bazi ta’ l-eccezzjonijiet gia’ sollevati f’ din in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet, u kwindi l-kawza kollha hija nulla, ghandha tigi dikjarata nvalida u bla ebda bazi legali *stante* l-eccezzjonijiet *in linea preliminari* sollevati, liema talbiet kwindi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur Carmel sive Charles Ciappara u b’referenza ghall-

Kontro-Talba tal-konvenut John Mary Ciappara ma' din in-Nota tal-Eccezzjonijiet odjerna;

9. Illi din il-Qorti ghas-serjeta' tal-procedura ghandha tivverifika bil-Gurament tal-Avukat koncernat jekk hux veru li l-Avukat Rueben Balzan giex espressament inkarigat minn Sonia Ciappara f'isimha personali kif ukoll bhala kuratur nominat sabiex tirraprezenta lill-minuri Shanice sal-lum maghrufa Ciappara biex tirrapprezentah f'din il-kawza, *stante* huwa evidenti illi jidher li l-ewwelnett lanqas l-isem l-Avukat taghha ma kienet taf din billi tnizzel l-Avukat Ronald Aquilina li mbaghad gie ingassat u minfloku tnizzel l-isem tal-Avukat Reuben Balzan, u fid-19 ta' Novembru 1999 hemm xhieda okulari li jindikaw li meta Sonia Ciappara u Charles Gauci hadu l-Gurament nhar il-Gimgha, 19 ta' Novembru 1999 biex jonoraw allegatment il-procedura tas-sistema guridika Maltija, huma ma kienux fil-prezenza tal-Avukat Reuben Balzan imma kienu fil-prezenza tal-Avukat Ian Spiteri Bailey, li anke' kif jirrizulta mill-atti tal-istess process l-Avukat Ian Spiteri Bailey huwa l-Avukat apparentament tal-attur ukoll *ossia* ta' Carmel sive Charles Gauci w interessanti li jigi osservat ukoll illi l-Avukat Ian Spiteri Bailey nhar l-24 ta' Settembru 1999, iffirma nota ghan-nom ta' Sonia Ciappara li fl-istess jum permezz tal-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia, LL.D., giet mahtura kuratrici ghall-finijiet kollha tal-ligi l-imsemmija kovenuta Sonia Ciappara u li ghaldaqstant l-isem tal-Avukat Reuben Balzan ma huwa xejn ghajr isem ta' Avukat li jezisti imma li effettivament il-proceduri saru u gew immexxija mill-istess Avukat Ian Spiteri Bailey, u kwindi l-Qorti hija mitluba biex tinvestiga dana l-abbuz fil-procedura tal-ligijiet Maltija;

10. Illi n-nota ta' Sonia Ciappara a fol. 23 tal-process ipprezentata nhar l-24 ta' Settembru tal-1999 u mahlufa mill-istess Sonia Ciappara li ghandha n-numru tal-karta tal-Identita' 203973 (M), hija nulla peress illi giet iffirmata wkoll mill-Avukat Ian Spiteri Bailey li huwa wkoll l-Avukat tal-attur u kwindi kif jirrizulta minn a fol. 23 tal-process, imur kontra l-principji tal-Gustizzja peress Avukat ma jistax ikun l-Avukat tal-attur u fl-istess hin tal-konvenuta meta hemm konflitt ta' interess *stante* li din il-kawza

tirrigwarda l-interess suprem ta’ minuri bl-isem ta’ Shanice Mikela Antonia li fl-istess nifs tinhatar peress li l-Qorti diversament ippreseduta giet zvijata, kuratrici ghall-finijiet kollha tal-ligi tal-minuri, meta dan l-aspett ukoll jivvjolixxi d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-istess minuri, u kwindi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tisfliza n-nota ta’ Sonia Ciappara, id-Digriet tal-Imhallef Valenzia, f’ a fol. 23 u 24 tal-process;

11. Illi n-Nota tal-Eccezzjonijiet ta’ Sonia Ciappara f’ isimha personali kif ukoll bhala kuratur nominata sabiex tirraprezenta lill-minuri Shanice sal-lum maghrufa Ciappara pprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-Gimgha, 19 ta’ Novembru 1999, allegatament bl-assistenza tal-Avukat Reuben Balzan (u hawn wiehed jirreferi ghall-eccezzjoni fuq dana l-punt sollevata aktar ‘il fuq f’ din in-Nota tal-Eccezzjonijiet), kif ukoll id-Dikjarazzjoni tal-konvenuta Sonia Ciappara f’ isimha personali kif ukoll bhala kuratur nominata biex tirrapprezenta lill-minuri Shanice sal-lum maghrufa Ciappara ghandhom jigu sflizati mill-process u Sonia Ciappara tigi dikjarat li waqghet kontumaci kemm f’ isimha personali kif ukoll bhala kuratur nominata sabiex tirraprezenta lill-minuri Shanice sal-lum maghrufa Ciappara billi effettivament kif jirrizulta mill-istess Dikjarazzjoni kien Charles Gauci Direttur tal-istess socjeta’ konvenuta, li m’ ghamlitx sens fic-cirkostanzi, li jidher car ha l-Gurament fid-19 ta’ Novembru 1999, *purche’* jirrizulta mit-timbru li dehret Sonia Ciappara bin-numru tal-karta tal-Identita’ 203973 (M), imma li minn xhieda okulari kif jirrizulta fil-mori ta’ din il-kawza, kien hemm persuni li effettivament raw lil Dr. Ian Spiteri Bailey ma’ Carmel Gauci u Sonia Ciappara Debattista dehlin fir-Registru biex allegatament jipprezentaw dawn id-dokumenti u ma dehret imkien il-prezenza tal-Avukat Rueben Balzan, u ghaldaqstant apparti milli dina l-Onorabbli Qorti ghandha tinvestiga l-abbuz li sar fil-procedura, qieghda tigi formalment mitluba biex tisfliza dawn id-dokumenti a fol. 32 u 33 tal-process, apparti milli tiddikjara li l-konvenuta Sonia Ciappara f’ isimha personali kif ukoll bhala kuratur nominata sabiex tirrapprezenta lill-minuri Shanice sal-lum maghrufa Ciappara waqghet

kontumaci billi n-Nota tal-Eccezzjonijiet taghha m’ hijiex konformi mal-procedura skond kif stabbilita fil-**Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

12. Illi kwantu ghall-ewwel premessa tal-attur, il-Qorti f’ dan l-istadju hija sempliciment mitluba umilment li tinnota l-ammessjoni tal-attur li kellu relazzjoni adultera mal-konvenuta Sonia mart John Mary Ciappara ghal numru ta’ snin, u dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba biex tezamina n-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-imsemmija Ciappara Debattista Sonia fic-Citazzjoni Numru 948/99 fejn l-ewwel dehra quddiem din il-Qorti kif ippreseduta kienet nhar il-15 ta’ Ottubru 1999, u li tinsab differita ghal 4.30 p.m. ta’ nhar il-Gimgha 14 ta’ Jannar tas-sena 2000, liema Citazzjoni dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba li tallacca ma’ din ic-Citazzjoni odjerna biex dawn il-kawzi flimkien mar-Rikors Numru 948/99 quddiem din il-Qorti kif ippreseduta fl-ismijiet **“John Mary Ciappara vs Ciappara Debattista Sonia”** (ukoll differita ghal 4.30 p.m. ta’ nhar il-Gimgha, 14 ta’ Jannar, 2000) ghandu jimxi pari passu ma’ din ic-Citazzjoni odjerna, biex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista’ tikkonstata l-intricci li hemm u issa dina l-kawza li qieghda tipprova tabbuza minn tifla minuri w innocenti bhal ma hija Shanice Ciappara, bint il-konvenut John Mary Ciappara;

13. Illi dwar it-tieni premessa tal-attur m’ huwiex kontestat li Sonia Ciappara nee’ Debattista mart John Mary Ciappara weldet tarbija fis-sebgha nieqes ghaxra ta’ filghaxija (6.50 p.m) ta’ nhar il-Gimgha 23 ta’ Gunju 1995, fl-Isptar San Luqa fil-Pieta’ Malta, liema tarbija nghatat l-isem Shanice, li pero’ d-dikjarazzjoni tat-twelid ta’ din it-tarbija saret minn missier it-tarbija John Mary Ciappara nhar is-26 ta’ Gunju 1995, *ossia* tlett (3) ijiem wara li twieldet it-tifla mehud in konsiderazzjoni illi t-tarbija kienet twieldet il-Gimgha u allura giet irregistrata t-Tnejn ta’ wara minn missier it-tarbija, u li ghal erba’ (4) snin u kwazi tlett (3) xhur shah il-konvenuta Sonia Ciappara nee’ Debattista qatt ma qalet li bintha ma kinitx ukoll bint John Mary Ciappara, dikjarazzjoni li ghamlet pero’ fid-19 Novembru 1999, *ossia* erba’ (4) snin u hames (5) xhur wara li kienet twieldet din it-tarbija, liema Dikjarazzjoni ghar-ragunijiet

hawn fuq suesposti qieghda tigi mitluba biex tigi sfilzata minn dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet diga' indikati;

14. Illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tisfilza d-DNA *Paternity Test* li allegatament sar nhar il-15 ta' April 1999, u dana peress li fl-ewwel lok ma kien hemm l-ebda awtorizazzjoni li dana d-DNA *Paternity Test* isir mill-persuna li kellha u li ghad ghandha kura u l-kustodja tal-minuri Shanice Ciappara, apparti mill-fatt li min ghamel id-DNA *Paternity Test* abbuza mill-Ligijiet ta' Malta u kontra tieghu, taghha, jew taghhom sejrin jittiehdu proceduri civili u kriminali skond il-Ligijiet ta' Malta, u dana b' referenza ghad-dokumenti ndikati f' a fol. 8 u 9 tal-process, li dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba biex immedjatment tordna l-isfliz taghhom kif ukoll tad-dokumenti ndikati f' a fol. 6 u 7 tal-process li wkoll ghandhom jigu sfilzati mill-process ta' din il-kawza odjerna;

15. Illi dina l-Onorabbli Qorti qieghda wkoll tigi umilment mitluba biex fic-cirkustanzi u jekk ma jigux sfilzati d-dokumenti ndikati f' a fol. 6, 7, 8 u 9 tal-process, ghandhom jigu kjamati fil-kawza l-Clinipath Services Limited, Mr Gingell u Ms Pullicino tal-istess Clinipath Services Limited ta' 217/3 Marina Street, fil-Pieta' – MSD 08 : Tel. No. 221355, 240384 u fax number 233160, u dana biex ifissru lil din l-Onorabbli Qorti kif huma waslu biex ghamlu dawn l-allegati DNA *Paternity Test*, meta taht l-ebda cirkustanzi, fl-ebda moment, ma kien hemm il-kunsens tal-persuna li kellha l-kura u kustodja ta' Brandon Lee Ciappara, kif ukoll ta' Shanice Ciappara, ulied minuri tal-konvenut John Mary Ciappara u dana minhabba l-abbuzi serji u gravi li sehhew anke' fuq l-istess minuri;

16. Illi b'referenza ghar-raba' premessa tal-attur, dina ghandha tigi njorata, billi l-attur fl-ewwel lok ma jistax jaqbad u jiddikjara lilu nnifsu ghax agixxa abbuzivament bhala *'il-missier naturali tal-minuri Shanice'* u fit-tieni lok m' ghandu l-ebda dritt li jigi rikonoxxut ufficjalment bhala missier it-tarbija fl-istatus civili ta' bintu, u dana ghar-ragunijiet legali illi jew sollevati fl-Eccezzjonijiet *in linea preliminari* ta' din il-kawza odjerna u kif hawn qed jigu sollevati u sottomessi mill-konvenut John Mary Ciappara;

17. Illi b’ referenza ghal hames (5) premessa tal-attur, apparti mill-mod arroganti w abbuziv kif repetuttivament l-attur jipprova jimpressjona billi jirreferi ghal Shanice Ciappara bhala bintu qisu l-konvenut John Mary Ciappara ma huwa hadd, dina wkoll ghandha tigi respinta billi hemm konkluzjonijiet maghmulin unilateralment da parti tal-attur li m’ ghandhom l-ebda vero similjanza ghall-verita’ u li saru a bazi atti abbuzivi w illegali li *‘ex admissis’* qed jammetihom l-istess attur u mieghu taqbel il-koabitanta tieghu l-konvenuta Sonia Ciappara, li zgur pero’ li m’hiex fl-interess suprem tal-minuri Shanice Ciappara li jidher li qieghdin ninsew li din Shanice Ciappara ghandha huha iehor li jismu Brendon Lee, bl-ismijiet kompleti tieghu Brendon Lee, Emanuel, Zaren (see certifikat) li twieled nhar l-Erbgha, 10 ta’ Novembru 1993, fis-siegha u hames minuti ta’ wara nofs inhar (13.05 hrs.) u gie wkoll irregistrat minn missieru l-konvenut John Mary Ciappara li effettivament ghandu b’ Digriet tas-Second’ Awla tal-Qorti Civili l-kura u kustodja kemm tal-imsemmi Brendon Lee li llum ghandu sitt (6) snin u ta’ Shanice Ciappara, li llum ghandha erba’ snin u nofs, it-tnejn ulied minuri, b’ mod naturali, b’ mod legali, u b’ mod effettiv tal-konvenut John Mary Ciappara;

18. Illi, ghaldaqstant, il-premessi kollha tal-attur, kif ukoll it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu respiniti minn dina l-Onorabbli Qorti, fl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-atti incidentali, konsegwenzjali, u sussegwenzjali, kontra l-imsemmi Carmel sive Charles Gauci li spikka permezz ta’ din il-kawza bil-mod illegali w abbuziv ta’ kif dan l-attur abbuza minn tfal minuri li fl-ebda stadju qatt ma kienu fil-kura u kustodja tieghu, jew kien hemm xi awtorizazzjoni jew kunsens da parti tal-konvenut John Mary Ciappara biex uliedu jittiehdu fil-Clinipath Services Limited fejn dawna apparentament u allegatament ittiehdilhom kampjun tad-demm taghhom biex abbuzivament sar dan d-DNA *Paternity Test* li taht l-ebda cirkustanza ma qatt kellu jsir, u li dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba li tassana bil-mizuri li tordna li jittiehdu kontra kull min iwettaq abbuzi bhal ma ghamel l-attur kif manifestment jirrizulta fl-atti ta’ dan il-process odjern;

19. Illi d-dikjarazzjoni tal-attur f' din ic-Cittazzjoni odjerna hija nulla billi minn imkien ma jirrizulta li dina giet ikkorfermata bil-Gurament kif jidher car fuq a fol. 3 tal-process u kwindi tali Citazzjoni hija anke' a bazi ta' din ir-raguni nulla wkoll u ghandha tigi dikjarata invalida w ineffettiva skond il-ligi;

20. Illi mela ghal dawn ir-ragunijiet legalment fondati r-rikors ta' Carmel sive Charles Gauciipprezentat nhar it-2 ta' Settembru 1999, f' a fol. 11 u 12 tal-process ghandu wkoll jigi sfilzat gia' ladarba c-Citazzjoni odjerna hija bl-iktar mod car u lampanti nulla, invalida w ineffettiva skond il-ligi a bazi ta' dawn l-eccezzjonijiet kollha sollevati da parti tal-konvenut John Mary Ciappara;

21. Illi din il-kawza hija nulla wkoll peress illi kellu jitharrek bhala konvenut skond il-kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, kif emendat ricentement, l-Avukat Generali tar-Repubblika jew ir-rappresentant tieghu, u ghal dan l-iskop ghaldaqstant dina c-Citazzjoni hija wkoll manifestament nulla w invalida skond il-ligi peress illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku huwa *'sine qua non'* irid ikun bhala konvenut f' kawzi ta' dan it-tip;

22. Illi ghal-istess mottivi gia fuq sollevati dina l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-isfliz tar-rikors ta' Carmel sive Charles Gauci f' a fol. 16 tal-process, ipprezentat it-2 ta' Settembru 1999 u dana minhabba l-fatt illi c-Citazzjoni odjerna hija nulla skond il-ligi u dak li hu null bhala bazi huwa null ghall-atti kollha konsegwenzjali u sosegwenzjali li jemanixxu minnu;

23. Illi ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, il-Bandu ghall-kuraturi permezz tad-Digriet moghti minn dina l-Qorti ppreseduta mill-Onorevoli Demajo nhar it-13 ta' Settembru 1999, f' a fol. 22 tal-process u f' a fol. 22A tal-process, ghandhom jigu wkoll sfilzati;

24. Illi ghall-istess ragunijiet hawn fuq indikati u legalment fondati r-rikors ta' Carmel sive Charles Gauci intavolat nhar il-21 ta' Ottubru 1999, ghandu jigi sfilzat

bhala null u ineffettiv u dan a bazi tal-fatt li dina c-Citazzjoni hija nulla w invalida skond il-ligi u ghaldaqstant ghandhom jigu sfilzati a fol. 27 u 28 tal-process;

25. Illi salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat d-dikjarazzjoni tal-konvenut John Mary Ciappara u l-lista tax-xhieda minn fol. 56 sa fol. 68 tal-process.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut John Mary Ciappara, datata 6 ta’ Dicembru 1999, fejn wara li ghamel il-premessi tieghu li jinsabu a fol. 70 sa fol. 77 tal-process talab:-

1. Illi c-certifikati tat-Twelid hawn annessi bhala Dok. “JMC 1” u Dok. “JMC 2”, ossia l-paternita’ ta’ John Mary Ciappara fuq uliedu minuri Brandon Lee, Emanuel, Zaren, li twieled nhar l-Erbgha, 10 ta’ Novembru 1993, fis-siegha u hames minuti ta’ wara nofs inhar (13.05 hrs), kif ukoll ta’ Shanice, Mikela, Antonia, li twieldet fis-sebgha nieqes ghaxra (18.50 hrs.), fit-23 ta’ Gunju 1995, ghandha tigi ikkonfermata bhala *‘in piena regola’* skond il-ligi a bazi tac-Ceritifikat tat-Twelid tal-minuri elenkati fl-Elenku tad-dokumenti ma’ dina l-Kontro-Talba odjerna;

2. Illi l-attur Carmel sive Charels Gauci ma jista’ qatt ikollu *‘locus standi’* u interess guridiku f’dina l-kawza odjerna peress illi fl-ewwel lok l-attur qatt ma kellu l-awtorita’, l-awtorizazzjoni, jew il-kunsens da parti tal-konvenut John Mary Ciappara biex iwettaq (anke’ jekk b’ mod abbuviz u illegali) it-testijiet tad-DNA fuq il-minuri Brandon Lee u Shanice ahwa Ciappara, skond kif apparentament jirrizulta mid-dokumenti esebiti fil-process ta’ din il-kawza odjerna, u kwindi tali dokumenti esebiti fil-process ta’ din il-kawa odjerna, u kwindi tali dokumenti esebiti allegatament jindikaw it-testijiet tad-DNA li saru fuq il-minuri msemmija, ghandhom jigu wkoll sfilzati mill-atti ta’ dan il-process qishom qatt *in verita* ma kienu gew esebiti;

3. Illi l-konvenuta Sonia Ciappara mart il- konvenut John Mary Ciappara agixxiet b’mod abbuviz meta kkorroborat bhala komplici mal-att abbuziv imwettaq mill-

attur odjern meta l-attur u l-konkubina tieghu Sonia Ciappara abbuzivament, apparentament u allegatament ghamlu t-testijiet tad-DNA fuq il-minuri Brandon Lee u Shanice ahwa Ciappara meta l-konvenuta Sonia Ciappara qatt ma kellha l-awtorizazzjoni u dritt li taghmel dan minghjar il-kunsens tal- konvenut John Mary Ciappara li effettivament u skond Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kellu l-kura u kustodja ta' wliedu minuri, u anke' kif ammess mill-istess Sonia Ciappara meta dina talbet lil dina l-Qorti biex tahtarha kuratrici *'ad litem'* ta' bintha Shanice Ciappara u sahansittra t-talba attrici tinkludi wkoll li Sonia Ciappara bhala alternattiva tinhatar, tinghata l-kura u kustodja tal-bint minuri Shanice Ciappara qisu din tal-ahhar hija hlejqa distakkata minn huha Brandon Lee, iz-zewg minuri wlied il- konvenut John Mary Ciappara;

4. Illi d-digriet tal-24 ta' Settembru tal-1999 moghti minn din il-Qorti diversament ippreseduta huwa null u invalidu skond il-ligi billi nghata meta din il-Qorti giet zvijjata mill-istess attur odjern, *tramite* l-konsulent legali tieghu li lkoll kienu jafu illi diga' kien hemm Digriet li jaghti l-kura u kustodja tal-minuri ahwa lill-konvenut John Mary Ciappara u b' mod abbuziv saret talba biex Sonia Ciappara tigi mahtura kuratrici biex tirrparezenta lill-minuri Shanice sal-lum maghrufa Ciappara meta dan ma setax isir jekk ma jigix notifikat ukoll ghal kull buon fini l-konvenut John Mary Ciappara, u *stante* dan il-qerq da parti tal-attur u l-konkubina tieghu Sonia Ciappara d-Digriet tal-24 ta' Settembru 1999 ghandu jigi dikjarat null, invalidu w ineffettiv skond il-ligi anke' sfilzat mill-process ta' din il-kawza odjerna;

5. Id-depozizzjoni moghtija minn Mariella Blackman nhar il-Hamis 25 ta' Novembru 1999, quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Monica Borg Galea, kif ukoll kwalsiasi depozizzjoni ohra li taghti Mariella Blackman f'din il-kawza ghandha tigi sfilzata *stante* li l-imsemmija Mariella Blackman kienet inhatret minn dina l-Qorti biex taghmel rapport fir-Rikors Numru 948/99 – NA fl-ismijiet **"John Mary Ciappara vs Ciappara Debattista Sonia"** (liema rikors jinsab differit ghal nhar il-Gimgha, 14 ta' Jannar tas-sena 2000, fl-4.30 p.m.) u tali rapport kellu jibqa'

kunfidenzjali anke' fid-dawl ta' talba biex jinhatru Periti Perizjuri, u l-imsemmija Mariella Blackman ma setghet tiddeponi xejn minghajr il-permess ta' din il-Qorti, depozizzjoni li effettivament l-imsemmija Mariella Blackman ghamlet, b'mod abbuziv, kontra l-etika u bi ksur ta' sigriet professjonali, u ghalhekk id-depozizzjonijiet li setghet tat Mariella Blackman f'din il-kawza bhal, per ezempju, f' dik tal-Hamis 25 ta' Novembru 1999, bejn nofs inhar u s-siegha ta' wara nofs inhar (12.00 u 13.00 hrs) quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea ghandha tigi sfilzata qisu qatt ma kienet fl-atti ta' dan il-process;

6. Illi l-fatt li gie ingunt bhala konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku minghajr ma gie ingunt ukoll l-Avukat Generali tar-Repubblika tammonta ghal vjolazzjoni tal-Artikoli rilevanti fuq dan il-qasam tal-**Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u ghalhekk tali ingunzjoni in kwantu ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku hija invalida u nulla u kwindi tali kawza ghandha wkoll tigi invalidata billi hija *'sine qua non'* li f'kawzi ta' paternita' ta' dan it-tip ghandu debitamenti jigi ngunt bhal konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku u mieghu wkoll, skond il-procedura kif giet emendata, l-Avukat Generali tar-Repubblika;

7. Ma jista' qatt ikun fl-interess supreme tal-minuri Shanice Ciappara li dina b' xi mod tigi sseparata minn huha Brandon Lee Ciappara ta' sitt snin, kif b' mod abuziv qed jipprova jaghmel l-attur odjern f' din il-kawza odjerna, meta d-dmir tal-Qorti huwa li tara fl-ewwel lok x' inhuwa l-interess suprem tal-minuri f' din il-kawza hija li Shanice Ciappara li llum ghandha erba' snin u nofs, bl-ebda mod ma tigi sseparata minn huha Brandon Lee ta' sitt snin, iktar u iktar meta dak li b' mod li mill-aktar bizarr qed jallega l-attur, dan qieghed jaghmlu snin wara li allegatament l-istess attur kien jaf li seta' kien il-missier il-minuri Shanice Caippara w intant ma ha ebda passi ghajr issa minhabba zviluppi li sehhew fid-dawl tal-komplessivita' ta' diversi proceduri legali li jinsabu ghaddejjin quddiem il-Qrati tal-Gustizzja tar-Repubblika ta' Malta;

8. Illi ghandhom jittiehdu passi adekwati kontra Mariella Blackman jekk jirrizulta lil dina l-Onorabbli Qorti li dina abbuzat mill-inkarigu moghti lilha fir-rigward tar-Rikors Numru 948/99 li huwa differit ghal nhar il-Gimgha 14 ta’ Jannar 2000, fl-4.30 p.m. u dan b’ mod partikolari ghad-depozizzjoni li Mariella Blackman tat quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea nhar il-Hamis 25 ta’ Novembru 1999, qabel ma biss l-istess konvenut John Mary Ciappara kien ghadu pprezenta n-Nota tal-Eccezzjonijiet u l-Kontro-Talba tieghu kif qieghed isir odjernament illum it-Tnejn 6 ta’ Dicembru 1999.

9. Illi d-depozizzjoni ta’ Mariella Blackman minn jeddha meta dina lanqas biss kienet ingunta mill-attur Carmel sive Charels Gauci qabdet u telghet u ddeponiet u tat fhemiet dwar din il-kawza fis-seduta ta’ nhar il-Hamis, 25 ta’ Novembru 1999, quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea jammonata ghal ksur serju u abbuz kontra l-ligi da parti tal-imsemmija Mariella Blackman u fejn din il-Qorti qieghda umilment tigi mitlbua biex tiddikjara illi d-depozizzjoni ta’ Mariella Blackman hija nulla w invalida u tiehu dawk il-passi li jidhrilha xierqa w opportuni kontra l-imsemmija Mariella Blackman meta din kienet obbligata li ma tghid xejn, jekk mhux bil-kunsens u bl-awtorizazzjoni ta’ din il-Qorti iktar u iktar fid-dawl tat-talba biex jinhatru Periti Perizjuri mill- konvenut John Mary Ciappara fir-Rikors Numru 948/99 li jinsab differit quddiem din il-Qorti ghal nhar il-Gimgha, 14 ta’ Jannar 2000, fl-4.30 p.m.;

10. Illi b’ referenza ghar-risposta tal-konvenut John Mary Ciappara a bazi tal-verbal ta’ dina l-Onorabbli Qorti fl-udjenza ta’ nhar il-Gimgha, 19 ta’ Novembru 1999, liema risposta ghat-talbiet tal-attur *‘pendente lite’* giet ipprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-Gimgha, 26 ta’ Novembru 1999, fis-saghtejn u nofs ta’ wara nofs inhar (2.30 p.m.), partikolarment ghal paragrafu 7 f’ pagna 4, tal-istess risposta, dina l-Qorti ghandha tikkonferma b’ referenza ghar-rikors tal-konvenut John Mary Ciappara ta’ nhar il-Gimgha, 19 ta’ Novembru 1999, biex tigi konfermata r-revoka *‘contrario imperii’* d-Digriet ta’ din il-

Qorti ta' nhar il-Gimgha, 24 ta' Settembru 1999, li nhareg b' mod abbuziv u illegali u bi vjolazzjoni tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-konvenut John Mary Ciappara;

11. Illi ghandha tigi kkonfermata l-kura u kustodja tal-minuri Brandon Lee illum sitt snin kif ukoll ta' ohtu Shanice Ciappara illum erba' snin u nofs f' idejn missieirhom *ossia* l-konvenut John Mary Ciappara, u ghal dan l-iskop ghandha ssir referenza ghac-Citazzjoni Numru 948/99 fl-ismijiet **"John Mary Ciappara I.D. Nru. 38369 (M) f'ismu personalment u ghan-nom taz-zewg uliedu minuri u cioe' Brandon Lee u Shanice ahwa Ciappara vs Debattista Ciappara Sonia"** liema kawza hija differita ghal nhar il-Gimgha, 14 ta' Jannar 2000, fl-4.30 p.m. biex dina l-Qorti tiehu konjezzjoni tal-progress li jkun qed isir jekk ikun il-kaz bil-gbir tal-provi quddiem l-Assistent Gudizzjarju kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti;

12. Illi ghandha issir referenza ghar-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intavolata nhar il-Gimgha, 16 ta' Novembru 1999, f'din ic-Citazzjoni odjerna propju wara r-rikors ipprezentat mill-konvenut John Mary Ciappara fid-19 ta' Novembru 1999, debitament notifikat lill-istess Direttur tar-Registru Pubbliku, u fejn dina l-Qorti ghandha tosserva b' liema serjeta' u enfasi d-Direttur tar-Registru Pubbliku imposta l-kliem fir-risposta tieghu, risposta illi turi wkoll il-preokkupazzjoni tal-imsemmi Direttur Registru Pubbliku li kawzi bhal dawn bil-mod abbuziv u sfaccjat, kif isiru, jigu kkontrollati mill-Qrati taghna bi kliem ibies il-ghaliex huwa att mill-aktar infami, illi tipprezenta kawza ta' paternita' fuq minuri li llum gia ghandha erba' snin u nofs semplicement biex dak li jkun jissodisfa l-ego tieghu, iktar u iktar jekk dak li jkun, bhalma huwa l-attur odjern, huwa ragel mizzewweg li abbanduna lil martu, ghandu gia hamest (5) itfal li wkoll abbandunahom, hass issa lil mara tal- konvenut John Mary Ciappara u jigi jintavola kawzi bhal dawn issa fejn anke' jrid mhux biss ifarrak iz-zwieg imma jfarrak il-koezistenza ta' dawn iz-zewg ulied ahwa minuri Brandon Lee u Shanice ahwa Caippara wlied il-konvenut John Mary Ciappara;

13. Ghandhom jigu kkundannati l-Clinipath Services Limited ta' 217/3 Marina Street, Pieta' MSD 08, talli dawna abbuzivament u kif jirrizulta mill-process ta' dina l-kawza odjerna jidher illi ghamlu testijiet fuq kampuni tad-demm tal-minuri ahwa Brandon Lee Ciappara u Shanice Ciappara meta dawna naqsu mill jivverifikaw jekk min ordanalhom dawn it-testijiet kienx legittimanament awtorizzat li jiehu dawn l-kampjuni tad-demm u li b'hekk holqu pregudizzji serji fir-rigward tal- konvenut John Mary Ciappara u fejn allura dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba biex tordna u tiehu dawk il-passi mehtiega kontra Clinipath Services Limited u taghti dawk ir-rimedji fir-rigward tal-imsemmi konvenut John Mary Ciappara ghal dana l-abbuz xejn professjonali u sfaccjat da parti ta' Clinipath Services Limited jew min kien risponsabbli ghal ezami ta' dawna t-testijiet ghad-DNA *Paternity Tests* b'mod partikolari jekk jirrizulta li huwa l-kaz, certu Alex Gingell tal-imsemmi Clinipath Services Limited, u dana b' dawk il-provvedimenti kollha opportuni li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust illi taghti;

14. Illi t-talbiet tal-attur Carmel sive Charles Gauci apparti milli huma abbuzivi huma kollha nulli, invalidi w ineffettivi skond il-ligi billi taht l-ebda cirkustanza l-attur ma seta' jintavola kawza u jitlob lill-Qorti talbiet bhal ma ghamel kemm fl-ewwel talba, kemm fit-tieni talba u kemm fit-tielet talba ta' din il-kawza odjerna u dana minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sollevati f' dan ir-rigward u biex dina l-Qorti tikkonferma anke' li abbuz ta' dan it-tip ma jistax jithalla inosservat u minghajr sanzjonijiet da parti ta' dina l-Onorabbli Qorti;

15. Illi dina l-kawza li giet intavolata ferm wara c-Citazzjoni Numru 948/99, kif aktar 'il fuq indikati, ghandha tigi evalwata fid-dawl tac-Citazzjoni Numru 948/99 – NA fl-ismijiet **"Ciappara John Mary I.D. Nru. 38369 (M) f' ismu personalament u ghan-nom taz-zewg uliedu minuri u cioe' Brandon Lee u Shanice ahwa Ciappara vs Debattisa Ciappara Sonia",** liema kawza hija differita ghal nhar il-Gimgha, 14 ta' Jannar 2000, fl-4.30 p.m. skond ma jirrizulta mill-provi u konkluzzjonijiet fid-dawl ta' dik ic-Citazzjoni li hawn qed issir referenza ghaliha, u

dana biex dak li l-attur odrjen ipprova jaghmel meta ghamel dan it-tentattiv biex jizvilja lil din il-Qorti, bla dubju ta' xejn jara li l-qawwa tal-principju li l-Gustizzja mhux biss trid issir imma tidher li qieghda ssir, mhux serja tigi bl-ebda mod imxejna bl-ebda tattika quddiem il-Qrati tal-Gustizzja tar-Repubblika ta' Malta, u dana taht kwalsiasi provvediment li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust illi taghti u tordna;

16. Illi l-attur Carmel sive Charles Gauci kif ukoll il-konkubina tieghu, il-konvenuta Sonia Ciappara jekk lil dina l-Qorti jirrizultala sodisfacenti ghandhom jigu kkundannati tal-hsara fizika u psikologika li huma ghamlu fis-sensibilita' u psikologija kif ukoll il-fiziku, jekk jirrizulta li dan huwa l-kaz tal-minuri Shanice Ciappara oht Brandon Lee Ciappara, it-tnejn ulied minuri tal- konvenut John Mary Ciappara, dana taht dawk il-provvediment kollha opportuni li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust illi taghti u tordna;

17. Illi l-**Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jaghmilha ben kjar f' **artikolu 67 u f' Artikoli** li jsegwu w inkluz b'mod partikolari **artikolu 70 sub-artikolu 1, paragrafi (a), (b) u (d),** kif ukoll is-**sub-artikolu 2** tal-istess **artikolu 70** li ma jhalli ebda dubju u dina l-Qorti qieghda tigi mitluba biex tikkonferma f' din il-Kontro-Talba li l-kawza odjerna fic-cirkustanzi ma setghet qatt giet intavolata u li l-attur la ghandu *'locus standi'* u lanqas interess guridiku f' din il-kawza odjerna b' mod partikolari ghall-mertu taghha;

18. Illi b' referenza ghall-**artikolu 77 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** li l-ligi tiddelinea u tissoto linea illi l-unika prova li tista' tingieb minn terzi *"fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tarbija, ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha",* u minn imkien ma tirrizulta mit-talbiet attrici f' din il-kawza odjerna li tali talba jew referenza ghall-**artikolu 77** u l-kontenut tieghu saret mill-attur, u kwindi dina l-Qorti ghandha tikkonferma li dina l-kawza hija nulla w invalida , w ineffettiva skond il-Ligi ta' Malta u anke' a bazi tat-talbiet

tal- konvenut John Mary Ciappara kif qieghdin jirrizultaw f' din il-kontro-talba minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-istess konvenut f' din ic-Citazzjoni odjerna;

19. Illi fl-eventwalita' li l-eccezzjonijiet *in linea preliminari* sollevati mill- konvenut John Mary Ciappara b' xi mod ma jigux milqugha u c-Citazzjoni odjerna ma tigix dikjarata nulla, invalida w ineffettiva skond il-ligi, li dina l-Qorti ghandha tikkonferma l-interess tal-konvenut John Mary Ciappara a bazi **artikolu 100A** li huwa jaghmel din il-Kontro-Talba ghal din ic-Citazzjoni odjerna u dana sabiex jissalvagwarda l-interess minghajr dubju li huwa ghandu fir-rigward taz-zewg uliedu minuri Brandon Lee illum ta' sitt snin u Shanice illum ta' erba' snin u nofs, ahwa Ciappara, ulied il-konvenut John Mary Ciappara skond ma jirrizulta mill-annessi dokumenti elenkati fl-elenku tad-dokumenti ma' din il-kontro-talba odjerna;

20. Illi ghandha ssir referenza ghar-rikors ipprezentat mill- konvenut John Mary Ciappara nhar il-Hamis 18 ta' Novembru 1999, fic-Citazzjoni Numru 948/99 – NA fl-ismijiet **"Ciappara John Mary I.D. Nru. 38369 (M) f' ismu personalment u ghan-nom taz-zewg uliedu minuri u cioe' Brandon Lee u Shanice ahwa Ciappara vs Debattista Ciappara Sonia",** fejn il-konvenut odjern kien talab lil dina l-Qorti biex timpedixxi formalment lil Sonia Ciappara milli jkollha access ghal uliedha wehedha, izda li jkollha access taht supervizzjoni ufficjali minhabba periklu serju li jinsabu fih il-minuri tal-konvenut John Mary Ciappara, u li l-kawza kienet differita ghal Gimgha 14 ta' Jannar 2000 fl-4.30 p.m. propju biex dina l-Qorti tikkonferma t-talba tal-konvenut odjern John Mary Ciappara f'dik ic-Citazzjoni Numru 948/99 u b'mod partikolari ghar-rikors intavolat nhar it-18 ta' Novembru 1999, u dana taht kwalsiasi provvediment opportun li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust illi taghti u tordna fic-cirkustanzi;

21. Illi ghandha ssir referenza ghac-Citazzjoni Numru 811/95 – RCP fl-ismijiet **"Anthony Sant vs John Cutajar, Georgina Cutajar, id-Direttur tar-Registru Pubbliku u**

**Dr. Tonio Mallia u P.L. Davina Cachia noninati b' digriet tas-27 ta' Lulju 1995, bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minuri Naomi Cutajar",** u partikolarment ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament ippreseduta, nhar l-10 ta' Novembru 1999, u partikolarment ukoll ghall-kazistika inidikata f' dik l-istess sentenza u cioe' sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna"** deciza fl-14 ta' Jannar 1952, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell bid-data tal-31 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet **"Maruska Curmi pro et noe vs Charles Difesa",** kif ukoll is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Paul Bugeja vs George Portelli"** datat 28 ta' Frar 1997, kif ukoll sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 7 ta' Novembru 1995, fl-ismijiet **"John Scicluna vs Sharon mart James Buhagiar",** kif ukoll ghas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Walter Ahar nee vs Pio Micallef et",** deciza fil-21 ta' Frar 1996, kif ukoll sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Mario Mangeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe",** deciza fit-13 ta' Jannar 1999, kif ukoll sentenza ohra moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"George Grech vs Nazzareno Grech et"** deciza fit-30 ta' April 1998, u fl-ahharnett fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza fl-10 ta' Mejju 1996, fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** u fejn dina l-Onorabbli Qorti odjerna qieghda tigi mitluba biex b' referenza ghal sentenzi hawn citati hija tikkonferma l-eccezzjonijiet *in linea preliminari* sollevati mill-konvenut Ciappara John Mary u minghajr pregudizzju ghal dawn l-eccezzjonijiet *in linea preliminari* u fil-mertu fl-eventwalita' illi din il-kawza odjerna ma tigix iddikjarata nulla, invalida w ineffettiva, ghandha issir referenza ghat-talbiet tal-konvenut Ciappara John Mary f'din il-kontro-talba u tevalwa l-konkluzzjonijiet ta' dawn is-sentenzi li jiggustifikaw in-nuqqas ta' interess guridiku u ta' *'locus standi'* da parti tal- konvenut John Mary Ciappara u dana taht kwalsiasi provvediment opportun li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust illi taghti u tordna fic-cirkustanzi, u dana anke' kif jigi assodat mid-dokument hawn anness bhala Dok. "JMC 3" li hija kopja tas-sentenza tac-Citazzjoni Numru 811/95 RCP, moghtija mill-

Qorti Civili Prim' Awla, nhar l-10 ta' Novembru 1999, kawza numru 36 fuq il-lista, fl-ismijiet **"Anthony Sant vs John Cutajar, Georgina Cutajar, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, Dr. Tonio Mallia u P.L. Davina Cachia nominati b' digriet tas-27 ta' Lulju 1995 bhala kuraturi deputati biex jirrapresentaw lill-minuri Naomi Cutajar";**

22. Illi ghandha ssir referenza ghad-decizjoni fl-Applikazzjoni Numru 27110/95 maghmula minn **Jorgen Nylynd vs Finland,** decizjoni moghtija mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani (Fourth (IV) Section), fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Gunju 1999, u fejn hemm fatti li jirrelataw intimament mal-mertu tal-kawza odjerna u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet *in preliminari* sollevati mill-istess konvenut John Mary Ciappara, fejn dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba li tassimila l-konkluzjonijiet minn din id-decizjoni tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani (Fourth (IV) Section) moghtija nhar id-29 ta' Gunju 1999, ghal-iskopijiet ta' gurisprudenza u kazistika li jirrigwardjaw interpretazzjoni tal-**Ligijiet ta' Malta**, u dana taht kawlsiasi kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna;

23. Illi ghandu jigi kkonfermat fl-interess suprem tal-minuri l-mandat ta' inibizzjoni biex iwaqqaf persuna milli tiehu minuri barra minn Malta, Inibizzjoni Numru 4865/99, akkordata nhar id-9 ta' Novembru 1999, fl-ismijiet **"Ciappara John Mary, missier il-minuri Brandon Lee ta' sitt snin (6) u Shanice ta' erba' snin u nofs (4 ½) iben Carmel Ciappara, I.D. Nru, 38369 (M) vs Ciappara Sonia, mart ir-rikorrenti, I.D. Nru. 203973 (M), u Gauci Carmelo ta' Calbros Limited, Naxxar Road, Birkirkara, koabitanti"** fuq rikors ta' Ciappara John Mary maghruf bhala Jesmond Ciappara, I.D. Nru. 38369 (M) kif akkordat minn din il-Qorti ippreseduta mill-Onorevoli Geoffrey Valenzia, fid-9 ta' Novembru 1999, u kif debitament notifikat lill-Ufficjali tal-Passaporti, lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Kontrollur tad-Dwana, u lill-istess Sonia Ciappara u Carmelo Gauci u skond kif jirrizulta mill-anness dokument, kopja awtentikata tal-Mandat ta' Inibizzjoni 4865/99 li qieghda hawn tigi indikata bhala

Dok. “JMC 4” u fejn din il-Qorti hija mitluba biex *‘mutatis mutandi’* tikkonferma dan il-Mandat fir-rigward u fic-cirkustanzi tal-parametri kollha ta’ dina l-kawza odjerna, u dana taht dawk il-provvedimenti kollha ta’ dina l-kawza odjerna, u dana taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust illi taghti u tordna fic-cirikustanzi;

24. Illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha taghti kwalsiasi provvediment opportun li jidhrilha xieraq fic-cirkustanzi illi taghti, inkluz in-nomina ta’ esperti, ta’ kuraturi deputati biex jirraprezentaw xi evantwali kontumaci f’dana l-att u l-atti kollha konessi, konsegwenzjali, sussegwenzjali w incidentali dak kollu li dina l-istess Qorti jidhrilha li fis-setghat taghha ghandha tordna illi fid-dawl tad-delikatezza tat-talbiet abbuzivi da parti tal-attur u tat-talbiet realistici u legalment fondati tal- konvenut John Mary Ciappara f’ din il-kontro-talba odjerna u dana taht dawk il-provvidimenti kollha opportuni li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust illi taghti u tordna fic-cirkustanzi;

25. Illi l-konvenut Ciappara John Mary m’ ghandu jbaghti ebda forma ta’ spejjez ghal dawna l-abbuzi mwettqa kontra tieghu specjalment bhala l-missier l-ulied minuri Brandon Lee u Shanice Ciappara, ahwa ulied il-konvenut Ciappara John Mary, skond kif jirrizulta mid-dokumenti elenkati fl-elenku ta’ dokumenti ma’ dina l-kontro-talba odjerna, liema spejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur u kwalsiasi parti ohra f’ dawn il-proceduri li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li tkun hatja ta’ dana l-abbuz imwettaq anke’ fil-konfront tal-integrita’, is-serjeta’ professjonali, u biex iservu ta’ deterrent biex kawzi abbuzivi bhal dawn ma jibqghux jigu intavolati;

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarju u extra-gudizzjarju, inkluz ta’ kwalsiasi Att gudizzjarju li huwa direttament jew indirettament relatat mal-proceduri odjerni, kontra l-attur Carmel sive Charles Gauci u kontra kwalsiasi persuna jew istituzzjoni ohra li din il-Qorti ssibhom jew tara li huma hatja ghall-abbuzi li twettqu, *ossia* kontra l-konvenut ghajr ghall- konvenut John Mary Ciappara minn min minnhom, liema konvenuti kollha kif indikati u ohrajn li jistghu jigu

kjamati f' din il-kawza jew jintervenu f' din il-kawza *'in statu et terminis'* ghandhom jitqiesu minn issa ngunti in subizzjoni u dana taht kwalsiasi provvediment opportun li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fic-cirkustanzi.

Rat id-dikjarazzjoni tal- konvenut John Mary Ciappara, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minn fol. 92 sa fol. 97.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Charles sive Carmel Gauci ghall-kontro-talba tal-konvenut John Mary Ciappara, datata 29 ta' Dicembru 1999, fejn espona bir-rispett:

1. Illi preliminarjament illi l-kontro-talba proposta mill-konvenut John Mary Ciappara hija nulla u bla effett skond il-ligi *stante* illi l-istess kontro-talba saret fil-konfront tal-attur u kif ukoll fil-konfront ta' persuni ohra, uhud konvenuti l-ohra bhal Sonia Ciappara u Direttur tar-Registru Pubbliku, filwaqt illi ohrajn adirittura l-anqas huma konvenuti bhal Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja u l-Avukat Generali tar-Repubblika, dan bi ksur tal-**artikoli 396 u 400 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi fit-tieni lok illi numru kbir ta' talbiet maghmula mill-konvenut John Mary Ciappara ghandhom jigu respinti *stante* illi ma jikkonformawx ma dak li trid il-ligi, ossia illi t-talbiet ikunu konessi mat-talba tal-attur;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-bqija t-talbiet kollha tal-konvenut maghmula fil-kontro-talba tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra tieghu;

4. Illi salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur rikonvenzjonat Carmel sive Charles Gauci u l-lista tax-xhieha a fol. 116 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku wara l-kontro-talba tas-6 ta' Dicembru 1999 maghmula minn John Mary Ciappara, datata 29 ta' Dicembru 1999, fejn esponew bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok illi l-Avukat Generali gie mharrek inutilment *stante* li abbazi tal-**artikolu 181B (2) tal-Kap. 12** huwa ghandu jigi ngunt f'kawza biss jekk it-talbiet attrici ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet Dipartiment l-ohra tal-Gvern, li mhux il-kaz odjern *stante* li din il-kawza giet intavolata kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa l-legittimu kontradittur f' kawzi ta' natura simili;

2. Illi *in vista* tas-suespost, is-sitt talba attrici ghandha tigi michuda;

3. Illi fil-mertu illi in kwantu ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' affermata minn John Mary Ciappara din hija konformi mal-paternita' legittimata attribwita lill-minuri Shanice u Brandon Lee fl-atti tat-twelid relattivi u per konsegwenza l-konferma li l-istess atti tat-twelid gew redatti korrettement;

4. Illi l-intenzjoni tal-legislatur kif espressa fl-**artikolu 67 tal-Kap. 16** u kif segwita mill-Qorti nostrana w anke' ricentement konfermata minn dik Ewropea tiffavorixxi l-istatus ta' legittimita' tal-ulied fejn dan l-istess status mhux denegat minn zewg ommhom, u dan anke' fid-dawl tal-effetti rriversibbli u r-riperkussjonijiet legali, morali u socjali li jimpingu fuq il-hajja futura tal-istess ulied f' kaz ta' bdil ta' dan l-istatus ta' legittimita';

5. Illi rigward il-fatti l-ohra kif esposti fid-dikjarazzjoni huwa jiddikjara li mhux edott minnhom u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghas-savju gudizziju ta' din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi *stante* l-fatt li din il-kontro-talba qed issir principalment bhala wahda ta' affermata paternita' u l-ingunzjoni tal-esponent hija biss incidentali, huwa m' ghandux ibati l-ispejjez tal-istanti;

7. Illi salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-Avukat Generali u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku w il-lista tax-xhieda a fol. 120 u fol. 121 tal-process.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datata 14 ta’ Jannar 2000 fejn il-kawza giet differita ghat-18 ta’ Jannar 2000.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea fil-25 ta’ Novembru 1999 fejn sar verbal mill-Avukati Dr. Tonio Azzopardi u Dr. Ian Spiteri Bailey ghall-attur u Dr. Emy Bezzina ghan-nom tal-konvenut Ciappara u dan minn fol. 123 sa fol. 134 tal-process.

Rat l-ordni tal-Qorti diversament presjeduta datata 3 ta’ April 2000 fejn gie ordnat l-isfilz tar-rapport ta’ Mariella Blackman li in esekuzzjoni ta’ l-istess ordni gew estratti minn fol. 126 sa fol. 132 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Dicembru 1999 mill-Assistant Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea fejn giet infurmata li s-seduta thassret peress li Dr. Tonio Azzopardi ma’ setghax jattendi u fejn Dr. Emy Bezzina pprotesta ruhhu ghall-ispejjez kollox kif jidher minn fol. 133 sa fol. 134 tal-process.

Rat il-verbal dettaljat ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 18 ta’ Jannar 2000, fejn il-Qorti b’ referenza ghall-protest ta’ Carmel sive Charles Gauci u Sonia Caippara tal-20 ta’ Dicembru 1999, tirrimarka illi l-fatti kif hemm disposti m’humiex ghal kollox korretti. Filwaqt li huwa minnu li l-Qorti cahdet it-talba biex il-kawza prezenti tigi trattata bl-urgenza, xorta tat preferenza lil din il-kawza w ordnat li tinstema’ qabel kawzi ohra. Fl-istess waqt, ir-rikors li jitratta l-istess mertu tal-kawza li gie pprezentat fil-5 ta’ Novembru 1999 beda jinstema’ mill-Qorti fid-19 ta’ Novembru 1999 u qed jinghata l-importanza w is-serjeta’ li

jinhtieg f' din il-materja sew bis-smiegh tieghu quddiem din il-Qorti, u sew bil-gbir tal-provi jingabru fl-iqsar zmien possibbli u l-istess materja tigi deciza dejjem tenut kont pero' tad-delikatezza tal-materja involuta u tal-fatt li l-kawzi ma jistghux jigu decizi qabel ma jingabru l-provi kollha, kif jidhru li jixtiequ l-prostestanti. Il-Qorti ordnat komunika ta' dan il-verbal li ghandu jigi publikat fil-mezzi tax-xandir.

Illi l-istess Qorti sostniet li hija giet informata mill-Assistant Gudizzjarju li s-seduta miftehma u ffissata mad-difensuri tal-partijiet fis-16 ta' Dicembru 1999 giet proprju imhassa minn Dr. Tonio Azzopardi. *Di piu* sew Carmel sive Charles Gauci u Sonia Ciappara informaw lill-Qorti li l-protest fuq imsemmi tal-20 ta' Dicembru 1999 ma sarx fuq istruzzjonijiet taghhom. Ghall-kuntrarju saru jafu bih biss mill-gazzetti lokali. Dan id-Digriet gie ordnat li jigi notifikat lill-Prim'Imhallef, lill Ministru tal-Gustizzja u lill-Kunsilli Lokali, lill-Avukat Generali u lir-Registratur tal-Qorti.

Rat il-kumplament ta' l-istess verbal fejn gie indikat mill-Dr. Emy Bezzina li sar jaf minghand l-Avukat Dr. Ian Spiteri Bailey li Dr. Tonio Azzopardi ma' kellhux relazzjoni tajba ma' l-attur Carmelo Gauci w il-Qorti tirreferi ghall-istess verbal tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo minn fol. 138 sa fol. 143 tal-process.

Rat il-protest imsemmi fl-istess digriet tal-Qorti datat 20 ta' Dicembru 1999 a fol. 144 sa 146 tal-process.

Rat ir-rikors ta' Dr. Emmy Bezzina datat 7 ta' Frar 2000, fejn talab differiment ghas-seduta tat-8 ta' Frar 2000.

Rat il-verbal datat 8 ta' Frar 2000 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, fejn Dr. Ian Spiteri Bailey ghall-attur oppona ghat-talba ta' Dr. Emmy Bezzina. Il-Qorti laqghat it-talba. Sadanittant b'nota fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tal-verbal l-avukati rispettivi kellhom jindikaw lill-Qorti liema mir-rikorsi pendenti jistghu, fil-fehma taghhom, jigu degretati minghajr trattazzjoni

ulterjuri u dan apparti li gew iffisati diversi seduti quddiem l-Assistenta Gudizzjarja nominata.
Rat in-nota tal-konvenut John Mary Ciappara datata 22 ta' Frar 2000.

Rat in-nota tal-konvenuta Sonia Ciappara datata 22 ta' Frar 2000.

Rat in-nota tal-attur Carmel sive Charles Gauci datata 22 ta' Frar 2000.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea, datata 31 ta' Jannar 2000 u li tinsab minn fol. 157 sa fol. 175 tal-process fejn xehdet Sonia Debattista Ciappara in kontro-ezami.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 28 ta' Frar 2000, fejn b' referenza ghar-rikors tal-konvenut tad-19 ta' Novembru 1999 li ghalih hemm risposta mid-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 26 ta' Novembru 1999, il-partijiet qalu li dan id-digriet seta' jinghata kameralment. Il-partijiet qablu wkoll li fir-rigward ta' kuraturi *ad litem* u tan-nomina ta' Social Worker dan ukoll jista' jibqa' ghall-digriet kamerali.

Rat il-verbal datat 3 ta' Marzu 2000, fejn Dr. Ian Spiteri Bailey ghall-attur ghamel referenza ghall-**artikoli 178 (1) u 159 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan peress illi n-nota tal-eccezzjonijiet kienet iffirmata biss mill-avukat u mill-parti. Mill-banda l-ohra kienet ukoll tikkontjeni talbiet u asserzjonijiet li skond il-ligi ma kienux permessi f' din in-nota u dan apparti milli ma kinitix fil-qosor kif imsemmi fl-istess ligi. Talab lill-Qorti taghti dawk il-provvedimenti necessarji. Dr. Emmy Bezzina ghal John Mary Ciappara jirrileva li dak li gie sottomess minn Dr. Ian Spiteri Bailey ghall-attur jammonta effettivament ghal talbiet li jekwiparaw ghall-eccezzjonijiet *in linea preliminari* u li allura kellhom jigu sollevati fil-mument opportun meta l-attur ressaq n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba ta' John Mary Ciappara apparti mill-fatt li tali talbiet skond il-ligi ghandhom isiru bil-forma u fil-forma preskritta mill-ligi u *quindi* dawn it-talbiet fihom nfushom huma nulli u

ghandhom jigu respinti. Illi minghajr pregudizzju kif inhuwa ben saput il-ligijiet ta’ Malta kienu gew emendati biex ma tibqax il-htiega li prokuratur legali jiddahhal f’ kawza dment illi l-parti koncernata tipprezenta l-atti hi. Illi fil-kaz in ezami l-parti flimkien mal-avukat tal-fiducija taghha mhux talli pprezentat l-atti hi imma sahansitra firmathom ukoll. U dana zgur ma jista’ qatt ikun mertu ta’ talba ghan-nullita’ ta’ att tal-Qorti. Illi ghaldaqstant Dr. Bezzina ghal John Mary Ciappara jitlob lil dina l-Qorti biex tistrada s-sitwazzjoni peress illi jkun biss abbazi ta’ provvediment ta’ dina l-Qorti li tkun tista’ titkompla t-trattazzjoni intiza ghas-seduta cioe’ dik li tmiss l-eccezzjonijiet *in linea preliminari* sollevati minn John Mary Ciappara. Dwar dan il-Qorti tipprovdi b’ digriet sad-differment li jmiss. B’referenza ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Bezzina jippreciza din l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi ezaminata fid-dawl tal-eccezzjonijiet l-ohra prelimanari li skond hu ghandhom iwasslu ghan-nullita’ tat-talbiet attrici. Gew ittrattati l-ewwel, it-tieni u t-tielet, is-sitt, is-seba’ w it-tmien eccezzjonijiet u jibqghu differiti ghas-sentenza *in parte* ghat-13 ta’ April 2000 f’ liema data ghandha titkompla t-trattazzjoni fuq l-eccezzjonijiet l-ohra.

Rat id-decizjoni tal-Qorti datata 3 ta’ April 2000, a fol. 182 u fol. 183 tal-process fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut u rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha fejn giet nominata l-konvenuta Sonia Ciappara bhala kuratur tal-minuri u minflok gew appuntati bhala kuraturi deputati dawk l-kuraturi deputati skond il-lista li lilhom imiss it-turn u mhux il-konvenuta, u dan a spejjez tar-rikorrenti. Giet nominata wkoll social worker mic-Centru Servizzi Socjali sabiex tissorvelja l-istess minuri

Rat ir-rikors tal-konvenut John Mary Ciappara datat 10 ta’ Dicembru 1999.

Rat id-digriet datat 3 ta’ April 2000 fejn il-Qorti diversament presjeudta cahdet it-talba fir-rikors ta’ l-istess konvenut Ciappara u ordnat li s-seduti f’din il-kawza u fil-kawza ta’ bejn il-partijiet Citaz. Numru 948/99/NA jibqghu jingabbru mill-Assistenta Gudizzjarja.

Rat ir-rikors tal-konvenut John Mary Ciappara datat 17 ta' Dicembru 1999 fejn *inter alia* intalab li tigi sfilzata d-deposizzjoni ta' Mariella Blackman moghtija fil-25 ta' Novembru 1999.

Rat id-digriet datat 3 ta' April 2000 fejn laqghet it-talba u ordnat l-isfilz ta' l-istess xhieda ta' Mariella Blackman.

Rat il-verbal datat 13 ta' April 2000, fejn gew trattati r-raba', il-hames, id-disa', l-ghaxar u l-hdax-il eccezzjonijiet tal-konvenut. Dr. Reuben Balzan talab korrezzjoni fid-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta Sonia Ciappara a fol. 36 tal-process fis-sens illi l-kliem "u Charles Gauci, Direttur tal-istess socjeta' konvenuta jiddikjara" jinqatghu u jinbidlu bil-kliem "u tiddikjara". Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-korrezzjoni relattiva.

Rat it-trattazzjoni dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Mary Ciappara minn Dr. Emmy Bezzina minn fol. 188 sa fol. 207.

Rat il-verbal datat 31 ta' Mejju 2000, fejn Dr. Ian Spiteri Bailey talab illi d-dikjarazzjoni guramentata li akkumpanjat ic-citazzjoni wara l-kliem 'jesponi bir-rispett' jizdiedu l-kliem 'u bil-gurament tieghu' u Dr. Emmy Bezzina rrimeta ruhu. Il-Qorti laqghat it-talba w ordnat il-korrezzjoni mitluba. Gew trattati wkoll l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut numru 14, 15, 16, 18, 19, 20, 22, 23 u 24. Giet trattata wkoll l-eccezzjonji preliminari tal-attur ghall-konto-talba tal-konvenut.

Rat it-trattazzjoni tal-Avukati datata 31 ta' Mejju 2000, minn fol. 210a sa fol. 210aj.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea, datati 30 ta' Mejju 2000 fejn xehdet Sonia Ciappara in kontro-ezami minn fol. 211 sa 234 tal-process; tas-6 ta' Gunju 2000 u 26 ta' Lulju 2000 minn fol. 211 sa fol. 304 fejn sar kontro-ezami ta' l-attur.

Rat ir-rikors tal-attur Carmelo Gauci, datat 15 ta' Settembru 2000, a fol. 305, fejn talab bir-rispett lil din l-

Onorabbli Qorti sabiex, anke' jekk temporanjament sakemm tirritorna ghax-xoghol, jkun sospiz l-inkarigu moghti lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea u tkun sussegwentament sostitwita b' Assistent Gudizzjarju iehor li l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun li tinnmomina, bl-istess fakolatijiet u taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha li din l-istess Qorti jidhrilha xierqa w opportuni, sabiex ikompli l-gbir tal-provi li ghandhom iwasslu lil din l-istess Qorti tiddeciedi t-talba tal-attur.

Rat id-digriet tas-27 ta' Settembru 2000, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tal-kontro-parti b' erbat ijiem zmien.

Rat il-verbal datat 20 ta' Ottubru 2000, fejn il-Qorti provdiet b' referenza ghar-rikors ta' Carmelo Gauci tal-15 ta' Settembru 2000, billi f' dan l-istadju kompliet tisma' x-xhieda l-istess Qorti.

Rat il-verbal datat 17 ta' Jannar 2001, fejn Dr. Ian Spiteri Bailey indika lill-Qorti li f'wiehed mid-digrieti moghtija fit-3 ta' April 2000 kellu jigi nominat Social Worker tac-Centru Servizzi Socjali ghall-iskop indikat f' dak id-digriet. Dan ma jirrizultax li sar kif l-anqas ma jirrizulta li saret il-komunika lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja liema komunika ghalhekk kellha ssir minnufih. Xehed John Mary sive Jesmond Ciappara bil-Malti u bil-gurament fuq it-tape. Sar il-kontro-ezami tax-xhud minn Dr. Ian Spiteri Bailey u r-ri ezami minn Dr. Emmy Bezzina.

Rat ix-xhieda ta' John Mary Ciappara datata 17 ta' Jannar 2001 minn fol. 310 sa fol. 348.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea datati 30 ta' Marzu 2001 fejn ma' sar xejn; 10 ta' April 2001 fejn xehdet Maria Camilleri, 18 ta' April 2001 fejn xehed John Ciappara, Antoine Agius u Dione Agius; 23 ta' April 2001 fejn xehdet Charline Debattista u Kalcidon Debattista minn fol. 349 sa fol. 556.

Rat ir-rikors tal-konvenut John Mary Ciappara datat 24 ta' April 2001, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti biex;

1. tisma’ x-xhieda tat-tlett itfal minuri *ossia’* ta’ Kirby Mallia li ghandha tnax-il (12) sena, Brandon Lee li ghandu seba’ snin u nofs (7 ½) u Shanice Ciappara li ser taghlaq sitt (6) snin u dana biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista’ tikkonstata hija stess bl-evalwazzjoni mbaghad ta’ deposizzjonijiet ohra li nghataw, u b’ hekk din l-Onorabbli Qorti tkun tista’ tasal fis-saggezza taghha xi jkun tabilhaqq fl-ahjar interess ta’ din il-minuri, din il-bocca mimlija ferh ta’ kwazi sitt snin (6), jekk hux ma’ missierha propju fil-kumpanija ta’ huha li mieghu trabbiet ghal dawn l-ahhar sitt (6) snin, tal-kugini taghha, tal-ferh ta’ din il-familja maghquda, jew inkella fil-kumpanija ta’ dan ir-ragel li bla skruplu ta’ xejn abbanduna lil martu u lill-hames uliedu, u seraq lill-mara tar-rikorrenti, mara li jigi kwazi missierha fl-eta’, fejn qed jikkoabita’ maghha f’ residenza li huma akkwistaw fil-Gzira, l-ahjar interess anke’ temporanjament li tibqa’ din Shanice Ciappara ghal dak li hija decizzjoni temporanja dwar il-kura u kustodja taghha, it-talba ewlenija li qed jaghmel l-attur odjern f’ din il-kawza u anke’ sakemm ikun hemm decizzjoni ahharija x’ ghandu jsir *‘pendente lite’* ghal dik li hija l-kura u kustodja tal-minuri msemmija;

2. taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni a bazi ta’ din it-talba odjerna f’ dan ir-rikors *purche’* din l-Onorabbli Qorti bla dubju ta’ xejn tara l-importanza li tisma’ d-deosizzjonijiet ta’ dawn it-tlett itfal minuri waqt li l-istess rikorrenti ghadu fil-istadju li jressaq il-provi u x-xhieda tieghu biex tigi kkonstatata x’ inhu l-interess ahhari ghar-rigward tal-kura u l-kustodja *‘pendente lite’* tal-bint minuri ta’ John Mary Ciappara, Shanice Ciappara li taghlaq sitt snin propju f’ Gunju ta’ din is-sena.

Rat il-verbal datat 25 ta’ April 2001, fejn xehdet Mary Debattista. Dr. Ian Spiteri Bailey ta ruhhu b’ notifikat bir-rikors tal-konvenut Ciappara tal-24 ta’ April 2001 u nghata gimgha zmien ghar-risposta u l-Qorti kienet ser tipprovdi fl-udjenza li jmiss. Il-partijiet ftehmu wkoll li minkejja dak ivverbalizzat precedentement, in-nomina *ommeno* tas-*social worker* kellha tistenna l-ezitu tad-digriet ta’ din il-Qorti fir-rigward tar-rikors tal-konvenut John Mary Ciappara tal-24 ta’ April 2001.

Rat ix-xhieda ta’ Mary Debattista datata 24 ta’ April 2001, minn fol. 606 sa fol. 647.

Rat ir-risposta tal-attur Carmel sive Charles Gauci ghar-rikors tal-konvenut John Mary Ciappara tal-24 ta’ April 2001, datata 4 ta’ Mejju 2001, a fol. 648.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea fil-4 ta’ Mejju 2001, minn fol. 650 sa fol. 695 fejn xehed Kalcidon Debattista

Rat il-verbal datat 11 ta’ Mejju 2001, fejn kompliet tixhed Mary Debattista. Gew esebiti 25 ritratt mill-istess xhud Mary Debattista, liema ritratti gew immarkat Dok. “EB10” sa Dok. “EB34”. Gew ukoll esebiti video, kartolina u nota b’dokumenti. Xehdet ukoll Anna Mallia .

Rat ix-xhieda ta’ Mary Debattista datata 11 ta’ Mejju 2001, minn fol. 702 sa fol. 749 tal-process.

Rat ix-xhieda ta’ Anna Mallia datata 11 ta’ Mejju 2001, minn fol. 750 sa fol. 772.

Rat il-verbal datat 25 ta’ Lulju 2001, fejn xehdet Mary Debattista bil-Malti bil-gurament u din ix-xhud esibit hames dokumenti. Sar il-kontro-ezami minn Dr. Ian Spiteri Bailey. Il-Qorti kellmet liz-zewgt itfal minuri fis-sigrieta. Xehdet Anna Mallia bil-Malti u bil-gurament Dr. Bezzina ddikjara li f’ dan l-istadju fir-rigward almenu tat-tielet talba u salv ghal xi provi, li tista’ tressaq il-parti l-ohra hu ma kellux aktar provi hlief li jzid xi haga l-konvenut John Mary Ciappara u li jixhed rapprezentant tal-Clinipain Services.

Rat ix-xhieda ta’ Mary Debattista datata 25 ta’ Lulju 2001, minn fol. 780 sa fol. 817.

Rat ix-xhieda ta’ Anna Mallia datata 25 ta’ Lulju 2001, minn fol. 818 sa fol. 837.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Emmy Bezzina datat 30 ta’ Ottubru 2001, fejn filwaqt li skuza ruhhu ma’ din l-Onorabbli Qorti ghal kull inkonvenjent li jista’ jinholoq, talab umilment lil din l-Onorabbli Qorti biex il-kawza odjerna li tinsab differita’ ghas-seduta tal-Gimgha, 2 ta’ Novembru 2001 tigi differita ghall-kontinwazzjoni ghal data ohra wara jum it-Tnejn, 12 ta’ Novembru 2001, *stante* li sa dak il-jum l-esponenti avukat ser ikun assenti minn dawn il-gzejjer fuq xoghol urgenti u dan taht kull provvediment opportun li din l-Onorabbli Qorti jogghobha taghti u tordna.

Rat il-verbal datat 2 ta’ Novembru 2001 , fejn it-talba ta’ Dr. Emmy Bezzina ma gietx opposta.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 24 ta’ Jannar 2002, fejn giet ordnat li din il-kawza tigi differita biex tinstemgha quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeudta ghat-13 ta’ Marzu 2002.

Rat il-verbal datat 13 ta’ Marzu 2002, fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b’ terminu ta’ 50 jum. Rigwardanti r-rikors, il-Qorti nnominat lil Dr. Monica Borg Galea biex fil-mori tad-differiment tiffissa zewg seduti ghall-provi tal-intimat u wara l-istess zewg seduti l-provi tal-partijiet fuq l-istess rikors qed jigu minn issa ddikjarati maghluqa.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea datati 9 ta’ Lulju 2002 fejn sar biss verbal iehor mill-Avukat Dr. Ian Spiteri Baliey, 11 ta’ Settembru 2002 fejn saru diversi verbali mill-avukati u 17 ta’ Settembru 2002 fejn reghu saru biss diversi verbali mill-avukati kollox minn fol. 846 sa fol. 854 tal-process.

Rat il-verbal datat 8 ta’ Ottubru 2002, fejn id-difensuri ddikjaraw li ma ghandhomx aktar affidavit x’jipprezentaw. Dr. Emmy Bezzina talab differiment biex jinguni lil Mr. Gingell jew il-persuni li ghamlu t-testijiet esebiti mill-attur. Il-Qorti rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Marzu 2002 u deplorat il-fatt li *nonostante* li s-seduta kienet bil-hin ix-xhieda ma gewx imharrka. *Nonostante* dan u *buona grazia* taghha l-Qorti sejra taghti l-ahhar differiment ghall-provi kollha li fadal tal-konvenuti b’ dan li x-xhieda kollha

fuq indikati ghandhom jitharrku ghas-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju ghas-26 ta' Novembru 2002 u wara tali seduta l-provi tal-partijiet huma dikjarati maghluqa.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea datata 26 ta' Novembru 2002, minn fol. 858 sa fol. 962 fejn xehed Alexander Gingell in rappresentanza tas-socjeta' Clinipath Services Limited.

Rat il-verbal datat 8 ta' Jannar 2003, fejn Dr. Ian Spiteri Bailey talab li jaghmel nota. Il-Qorti laqghat it-talba u pprefigiet terminu ta' 90 gurnata lill-attur biex jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom 90 gurnata biex jirrisopondu b' dan li Dr. Emmy Bezzina ghandu jirregola ruhhu dwar l-eccezzjonijiet tieghu.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur Carmel sive Charles Gauci, datata 8 ta' April 2003.

Rat il-verbal datat 30 ta' Ottubru 2003, fejn il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha tal-ahhar seduta u Dr. Emmy Bezzina ghandu jara li jaderixxi mal-istess. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta' 60 jum mid-data tal-verbal ghall-prezentata tan-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto lid-difensur tal-kontro parti li jkollu 60 jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2004.

Rat id-digriet datat 11 ta' Gunju 2004, fejn peress li l-ebda kuratur deputat ma gie appuntat, notifikat jew nominat il-Qorti rrevokat *'contrario imperio'* l-istess digriet u nominat minflok lil John Mary Ciappara bhala kuratur tal-istess minuri.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PRINCIPJI LEGALI

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti b'digriet taghha datat 11 ta' Gunju 2004 irrevokat *contrario imperio* digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 3 ta' April 2000 fejn gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lill-minuri *stante* li ma jidhirx mill-atti li tali nomina effettivament saret u ghalhekk din il-Qorti appuntat lill-konvenut John Mary Ciappara sabiex ikun kuratur ta' l-istess minuri fl-atti ta' din il-kawza *stante* li in realta' jirrizulta li effettivament u gudizzjarjament ghandu l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri u hekk kellu fil-mori tal-kawza kollha.

Illi l-attur qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li huwa l-missier naturali ta' Shanice li twieldet minn Sonia Debattista Ciappara fl-23 ta' Gunju 1995 u li, konsegwentement tordna li fic-certfikat tat-Twelid taghha, li jgib in-numru 2589/1995, l-paternita' tieghu tigi rikonoxxuta.

Illi jidher car li l-attur qed jipprevalixxi ruhhu mill-**artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita fizika li jghammar ma martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li jekk l-attur qed jippretendi li huwa l-missier tal-minuri huwa ghandu interess li jaghmel din il-kawza, pero' qabel ma tigi trattata l-istess, trid tigi sorvolata d-disposizzjoni tal-**artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

*“**(1)** Hadd ma jista’ jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta’ stat li jaqbel ma dak l-att.*

***(2)** Hekk ukoll, hadd ma jista’ jattaka l-istat tal-iben legittimu ta’ tifel li jkollu l-pussess ta’ stat li jaqbel ma l-att tat-twelid tieghu”.*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta’ legittima tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu , hekk mizmum fir-rejalta’ socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **“Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et”** (P.A. F.G. C. 10 ta’ Mejju 1996 inghad li :-

*“Dak li jissejjah ir-‘raison d’etre’ ta’ din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkomenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan…………..” “ Egli ha osservato esistere nell’ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolablita’ dal talamo a per il rispetto della fedelta’ coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il-marito come il-padre dei concepiti da sua moglie durante il-matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l-incarnazione della formula solenne ‘ pater is est quem justae nuptiae demonstrat’. A questo principio, che non e’ tanto un dettato dell’antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall’esperienza di molti secoli, si e’ attentuato il legistatore patrio, e percio’ nell’articolo 159, che il marito e’ padre del figlio concepito durante il-matrimonio”* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76**).**

Illi in effetti l-**artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorispondi mal-**artikolu 159 tal-Kodici Taljan**) jipprovdi li:-

*“L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu”.*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ittenta mill-attur hija wahda minn tlett azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakata l-legittimita' ta' l-ulied u cioe':-

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa indikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-presunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel tal-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propositu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952 li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi;*

*It-Tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtieh l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponielu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fisika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza;*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita' fisika ma tirrizultalax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi*

*tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu".*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. A. J. M. 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien presenti Malta u kellu il-possibilita' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legitimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minna".*

Illi din l-ahhar azzjoni imsemmija ta' impunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi min dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke' kontestata l-legitimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri ikun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittenta skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu,

jew ghalkemm l-istess att ta’ twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta’ legittimu.

Illi l-pussess ta’ l-istat ta’ iben legittimu skond **l-artikolu 80** *“stabilit minn gabra ta’ fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta’ filjazzjoni u ta’ demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi il-fanilja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f’dik il-kwalita’ haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollolah*;

*(c) illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja”.*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **“Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et”** (PA.RCP 26 ta’ Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *“nuqqas ta’ att ta’ twelid* ***jew*** *tal-pussess ta’ stat* (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, ………li il-prova tal-filjazzjoni tista’ ssir b’xhieda ohra li tista’ tingieb skond il-ligi”.*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzzjoni logika li tista’ tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossiblita’ fizika, hija wkoll kondizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti il-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **“Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku”** (P.A. RCP 13 ta’ Jannar 1999) fejn inghad b’referenza ghall-fatti f’dik il-kawza li *“Dwar l-**artikolu 81**……..jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta’ ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li*

*jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna indikata kienet ilha nieqsa …..u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, hadd ma jista' jattaka dan l-istat a bazi tal-**artikolu 77** anke' jekk tigi ippruvata l-impossibilita' fizika indikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provvedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid jew ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz……il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

**(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta Sonia Ciappara kellha relazzjoni adultera mal-attur Carmel sive Charles Gauci wkoll meta hija kienet qed tghix u kellha relazzjonijiet intimi wkoll ma' zewgha, l-konvenut John Mary Ciappara f'din il-kawza. Fil-fatt hemm kawza ta' separazzjoni pendenti bejn l-istess konjugi Ciappara Citazzjoni Numru 948/99/RCP.

Illi l-istess konvenuta Sonia Ciappara hija fil-fatt mizzewga lill-konvenut John Mary Ciappara u l-istess konjugi skond ic-certifikati tat-twelid relattivi jidher li kellhom zewgt itfal Brandon Lee li twieled fil-10 ta' Novembru 1993 u Shanice li twieldet fit-23 ta' Gunju 1995.

Illi m'hemm l-ebda dubju li l-istess konvenuta u l-attur kellhom relazzjoni adultera li bdiet fin-1994, fejn il-konvenuta ammettiet li kellha relazzjonijiet intimi mieghu u llum il-gurnata adirittura tghix mieghu. Il-kura u l-kustodja ta' l-istess ulied hija llum fdata permezz ta' Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 23 ta' Marzu 1999, esebiet fl-atti tas-separazzjoni bejn l-istess konjugi Ciappara (fol. 27) f'idejn il-konvenut John Mary Ciappara bi dritt ta' access *verso* l-istess konvenuta.

Illi din il-Qorti thoss li hafna mill-provi prodotti huma rrelevanti ghall-kwistjoni odjerna, u dak li huwa relevanti qabel kollox f'din il-kawza anke *in vista* ta' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-istess John Mary Ciappara huwa fuq kollox jekk l-istess minuri Shanice ghandhiex u kellhiex stat ta' bint legittima tal-konvenut John Mary Ciappara.

Illi ma hemm l-ebda dubju u dan lanqas huwa biss konstestat, tant li ghalhekk l-attur ghamel il-kawza odjerna, li mat-twelid tal-istess tarbija dan gie registrata bhala bint  il-konvenut John Mary Ciappara,  kif jidher mic-certifikat tat-twelid Registrazzjoni Numru 2589/1995 tal-istess Shanice esebiet a fol. 5 tal-process.

Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li sallum l-istess minuri hija maghrufa fl-atti kollha relattivi bhala bint l-istess John Mary Ciappara, u fil-fatt sa' mid-data tat-twelid taghha sallum dejjem trabbiet ma' l-istess konvenut u ma' iben l-istess konvenut Brendon Lee w ix-xhieda kollha prodotti, inkluzi r-ritratti esebiti kollha jikkonfermaw l-istess; hawn il-Qorti tirreferi ghax-xhieda ta' l-istess Mary Debatista, omm l-konvenuta stess, li *in verita'* hija kundanna shiha ta' l-agir ta' bintha fil-konfront ta' uliedha u ta' l-istess attur, u dan jispjega l-mod kif l-istess attur mhux biss abbuza mill-proceduri tal-Qorti, izda wkoll kiser ordnijiet lilhu moghtija minn diversi Qrati, inkluzi dawk ta' kompetenza kriminali u dan bl-ghajnuna u bil-partecipazzjoni ta' l-istess konvenuta.

Illi minkejja dak kollu li jsostnu kemm l-attur u  l-konvenuta l-istess tifla dejjem kienet maghrufa fid-dokumenti kollha

relattivi bhala bint l-istess konvenut John Mary Ciappara, u jidher car mill-provi prodotti li hija dejjem ikkunsidrat l-istess konvenut bhala missierha u fil-fatt giet dejjem imrobbija minnu u mantnuta minnu, bl-ghajnuna ta' familjari tieghu u wkoll ta' martu; ma hemm l-ebda dubju wkoll li l-istess tifla giet mghamda bhala bint ir-ragel tal-konvenuta; gie mxandar it-twelid taghha bhala bint l-istess konvenut John Mary Ciappara u kienet u ghadha maghrufa fl-isptar, fl-iskola u fl-ambjenti kollha minnha frekwentati bhala bint l-istess John Mary Ciappara.

Illi rrizulta ukoll li anke wara t-twelid taghha l-istess minuri kienet dejjem meqjusa bhala bint l-istess John Mary Ciappara. Dan huwa fuq kollox ammess minn omm l-istess tifla stess li fix-xhieda taghha hija tghid li l-istess konvenut dejjem agixxa ta' missier ta' l-istess minuri. Illi huwa sinifikanti li b'digriet tas-Sekond'Awla f'Marzu 1999 l-istess konvenut inghata l-kura u l-kustodja ta' l-istess ulied it-tnejn u fl-eccezzjonijiet tal-konvenuta stess fil-kawza ma hemm ebda indikazzjoni li l-istess John Mary Ciappara ma kienx ikkunsidrat bhala missier il-minuri, lanqas mill-konvenuta stess, tant li hija biss talbet li l-kura u l-kustodja jinghataw lilha ghaliex skond hija l-istess konvenut qed jafda t-tfal ma' terzi biex jiehu hsiebhom, liema terz tirrizulta li hija omm il-konvenuta stess. Illi ta' minn wiehed jinnota wkoll li c-citazzjoni odjerna saret fit-2 ta' Settembru 1999, wara li l-konvenuta marret tghix ma' l-attur, mentri l-kawza ta' separazzjoni infethet minn zewgha fis-26 ta' April 1999 u ma hemm l-ebda dubju li din il-kawza giet istiwtieta wara li l-konvenuta u l-attur marru jghixu flimkien.

Illi fil-fatt ma hux kontestat li l-konvenut John Mary Ciappara mantna lill-istess minuri u l-minuri dejjem ghexet flimkien mar-ragel tal-konvenuta u trabbiet bl-istess mod bhala bint l-konvenut bla ebda differenza ta' xejn, kif ghadha fil-fatt tghix sallum. Illi l-attur qatt ma ghex ma' din l-istess minuri u in verita' ma jistax jinghad li nholqot xi *family tie* bejn l-attur u l-istess minuri.

Illi minn dan kollu jirrizulta li mhux biss it-tifla mertu ta' kontestazzjoni odjerna ghandha stat ta' bint legittima fic-

certifikat tat-twelid tieghu izda wkoll kienet dejjem maghrufa bhala bint l-istess konvenut John Mary Ciappara, iggieb bhala l-kunjom taghha dak tal-istess konvenut, li ttrattha bhala bintu u haseb ghall-manteniment u edukazzjoni taghha u sabiex jikkolokha, u ghalhekk l-istess minuri ghandha wkoll il-pussess kontinwu ta' l-istat ta' bint legittima. Dan ma huwa bl-ebda mod ikkontestat mill-attur li jidher *invece* li qed jipprova jattakka d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 81 tal-Kap 16**, u f'dan ir-rigward jinghad li din il-kawza certament ma hijiex il-forum addatta sabiex dan isir.

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella et"** (Cit. Nru: 1841/98/RCP – 1 ta' Marzu 2001:-

*"Illi fl-isfond ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li l-ewwel ostakolu ghall-azzjoni attrici ma giex eliminat ghaliex la darba hemm l-att ta' twelid imnizzel fir-Registru Pubbliku ai termini tal-**artikolu 78,** u la darba l-istess minuri ghandu l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu ai termini tal-**artikolu 80 tal-Kap.16,** mela allura l-ebda azzjoni u konsegwetement l-ebda prova ma hija ammissibbli sabiex tattakka l-istess stat ta' iben legittimu tal-istess minuri ai termini tal-**art. 81** tal-istess **Kap.16**, lanqas ta' ezamijiet medici kif proposti mill-istess attur."*

Illi in effetti dan jirrizulta mid-dicitura tassattiva tal-istess **artikolu 81,** li ma jhalli lok ghall-ebda dubju jew eccezzjoni dwar l-istess, u ghalhekk abbazi ta' dan l-azzjoni attrici kif proposta hija wkoll inammissibbli.

Illi dan huwa fih innifsu bizzejjed sabiex l-azzjoni attrici tigi michuda, imma jirrizulta wkoll li l-azzjoni attrici jekk tigi ezaminata biss skond ir-rekwiziti ndikati fl-**artikolu 77 tal-Kap 16** tali azzjoni xorta ma tistax tirnexxi u dan ghaliex l-attur bl-ebda mod ma pprova li *"fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibbilta` fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha."*

Illi anzi rrizulta ppruvat mill-konvenut John Mary Ciappara u ammess mill-konvenuta Sonia Ciappara u bl-ebda mod kontradett mill-attur, li l-istess konjugi Ciappara kkoabitaw dejjem fid-dar konjugali sat-twelid tal-istess minuri Shanice u hekk baqghu jaghmlu sal-gurnata meta l-istess konvenuta abbandunat id-dar konjugali u marret tghix mal-attur. Fil-fatt l-konvenuta stess tghid li ghalkemm kellha relazzjonijiet adulteri w intimi mal-attur, hija fl-istess zmien kellha relazzjonijiet intimi ma' zewgha, proprju sabiex tahbi l-fatt li hija kellha relazzjonijiet intimi ma' persuna ohra. Dwar dan il-punt ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jidher car li ladarba l-istess konvenuti konjugi Ciappara kienu qed ighixu flimkien bhala mizzewgin tul il-perjodu kollu ndikat fl-**artikolu 77** certament ma gietx ippruvata li *"ir-ragel kien fl-impossibbilta` fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha."* Anzi in verita' gie ppruvat konkludentement il-kuntrarju ghax l-konvenuta attrici kkonfermat li meta t-tifla giet koncepita hija kien ikollha x'taqsam kemm mal-attur kif ukoll mar-ragel taghha, u xehdet ukoll fis-sens li hija kienet taghmel dan sabiex hija zzomm lir-ragel il-boqghod minn suspetti fuq r-relazzjoni taghha. Dan huwa ammess mill-istess konvenuta kif jidher ukoll mir-rapport ta' Mariella Blackman fejn jinghad li hija mxiet regolari fil-hajja sesswali ma' zewgha. Kwindi f'dan il-kuntest huwa tassew difficli biex wiehed jifhem kif qatt l-azzjoni attrici, bid-disposizzjoni tal-ligi hekk citata, tista' qatt tirnexxi.

Illi dan huwa wkoll konformi ma' dak li gie deciz fis-sentenza **"John Scicluna vs Sharon mart James Buhagiar et"** (P.A. (G.V.) 7 ta' Novembru 1995) fejn gie kkonfermat li l-azzjoni abbazi tal-**artikolu 77** *"hija moghtija lil kull min ikollu interessi fil-kaz biss fejn din il-persuna tista' tipprova li fiz-zmien imsemmi f'dan l-artikolu ir-ragel kien fl-impossibbilta` fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha."*

Illi dan huwa konformi wkoll mal-interpretazzjoni tal-**artikolu 77** dwar il-kuncett ta' *"impossibbilta` fizika"* hemm indikata, fejn wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Ronald**

**Bray vs Charmaine Bray et"** (N.A. 19 ta' Novembru 1997) fejn inghad li *"l-impossibbilta` fizika li ghaliha hemm referenza ghandha tkun wahda li setghet teffettwa b'xi mod il-koncepiment tat-tarbija." (**"Noelle Spiteri vs Ernest Cilia"**).*

Illi kif din il-Qorti tenniet fi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella et"** (*supra citata*):-

*"Illi in effetti din il-prova skond l-**artikolu 77** trid issir 'sine qua' non sabiex l-azzjoni a bazi tal-istess artikolu jkollha success, u dan indipendentement minn kull test mediku kwalunkwe u dan ghaliex l-istess artikolu ma jammetti l-ebda eccezzjoni u ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ladarba dan l-element bazilari ghall-azzjoni attrici ma giex ippruvat, l-ebda prova ma ghandha tithalla ssir li titfa' l-icken ombra fuq il-legittimita` prezunta taghha. Dan il-'vetitum' li ma jigix kontestat l-istat ta' legittimita` jekk mhux fl-azzjoni proprja, il-ligi taghmlu fl-interess suprem tal-minuri u l-Qorti jehtiegilha tosservah 'ad linguam' billi huwa wiehed ta' ordni pubbliku (**"Paul Bugeja vs George Portelli"** – A.C. 28 ta' Frar 1997)."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Martin Gaffarena vs Doreen Zammit et"** (P.A. (RCP) 26 ta' Gunju 2003) fl-ahharnett din il-Qorti hija wkoll tal-opinjoni li dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi u l-principji fuq enuncjati huma in konformita` mad-dritt fundamentali protett fil-Kostituzzjoni ghar-rispett ghall-hajja privata u familjari tieghu, skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 (c)** tal-istess, u **artikolu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319,** u tali limitazzjonijiet fl-azzjonijiet proponibbli sabiex tigi attakkata l-legittimita` tal-persuna huma fil-fatt protetti a bazi **tas-subartikolu (2) tal-artikolu 8** *stante* li l-istess saru skond il-ligi u huma mehtiega f'socjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` pubblika ghall-protezzjoni tal-morali u ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor, f'dan il-kaz l-interess tal-familja, tenut kont tar-rabtiet li jezistu bejn l-istess minuri u l-konvenut John Mary Ciappara u ghall-interess suprem tal-istess minuri.

Illi s-sentenza fl-ismijiet **“Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku”** (P.A. (F.G.C.) 10 ta’ Mejju 1996) tikkonferma l-istess *stante* li l-kuncett ta’ *family tie* indikat fiha li jinkludi mhux biss relazzjonijiet naxxenti minn zwieg izda dak li gie deskritt bhala relazzjonijiet bejn partijiet li jghixu flimkien mhux f’ghaqda ta’ zwieg u li tali kuncett jinkludi *“that biological and social reality prevail over a legal presumption”* gie riskontrat fil-kawza odjerna fil-kaz tal-konvenut John Mary Ciappara u l-istess minuri, *stante* li kif diga’ inghad l-attur min-naha l-ohra qatt ma ghex mal-minuri u ghalhekk certament ma jistax wiehed jitkellem ghall-*family tie* fil-konfront tieghu, izda biss fil-konfront tal-konvenut John Mary Ciappara u l-istess minuri.

Illi dan kollu wkoll gie enuncjat fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **“Nylund vs Finland”** (App. Nru 27110/95 – 29 ta’ Gunju 1999) fejn intqal:-

*“The Court recalls that the notion of “family life” in* ***Article 8*** *is not confined solely to marriage-based relationships and may encompass other de facto “family ties” where the parties are living together outside marriage (see the Keegan v. Ireland judgment of 26 May 1994, Series A no.290, pp.17 –18, § 44 and the Kroon and Others v. The Netherlands judgment of 20 September 1994, Series A no 297-C, pp. 55-56, § 30). The application of this principle has been found to extend equally to the relationship between natural fathers and their children born out of wedlock. Further, the Court considers that* ***Article 8*** *cannot be interpreted as only protecting “family life” which has already established but, where the circumstances warrant it, must extend to the potential relationship which may develop between a natural father and a child born out of* wedlock. *Relevant factors in this regard include the nature of the relationship between the natural parents and the demonstrable interest in and the commitment by the natural father to the child both before and after the birth (see no. 22920/93, dec. 6.4.1994, D.R. 77-A, p.115).”*

Illi anki f'dan il-kaz gie ppruvat li kemm qabel u wara t-twelid kien dejjem John Mary Ciappara l-uniku missier li kien prezenti ghat-tifla. Infatti minn dak in-nhar tat-twelid sallum ma hemm l-ebda dubju li gie ukoll ippruvat li waqt it-twelid kien zewg il-konvenuta li kien prezenti u mhux l-attur.

Illi aktar 'il quddiem l-istess Qorti Ewropea ikkummentat:-

*"There are reasons of legal certainty and security of family relationships for States to apply a general presumption according to which a married man is regarded as the father of his wife's children. It is justifiable for domestic courts to give greater weight to the interests of the child and the family in which it lives than to the interest of an applicant in obtaining determination of a biological fact."*

Illi dwar l-interess guridiku tal-attur li jaghmel din l-azzjoni, ma hemmx dubju li fil-kuntest ta' dak rikjest, l-attur ghandu dan l-interess, izda l-kwistjoni jekk tirnexxix tali azzjoni, abbazi tal-ligi vigenti hija kwistjoni ohra, li timmerita konsiderazzjonijiet fil-mertu, kif ser jinghad aktar il-quddiem.

Illi ghall-kompletezza jinghad li t-talba attrici kienet tinkludi talba sabiex issir kull procedura *"li tista' tigi ordnata minn din il-Qorti ghal skopijiet ta' accertazzjoni xjentifika ta' paternita`"* u f'dan il-kuntest jinghad li sa certu punt dan *ormai* huwa mmaterjali ghall-kawza odjerna, u dan peress illi l-attur ma nrexxielux jipprova li l-konvenut zewg il-konvenuta kien f'impossibbilta` fisika li jghammar ma martu minhabba li kien boghod minnha, u ghalhekk id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 77** ma gewx sodisfatti.

Illi hija wkoll superfluwa tali domanda peress li kif inghad, il-minuri mertu tal-kawza odjerna ghandu l-istat ta' iben legittimu skond il-kriterji stabbiliti fl-**artikolu 80** u allura japplika dak dispost fl-**artikolu 81 tal-Kap 16**, li jinnewtralizza ghal kollox l-azzjoni bbazata fuq l-**artikolu 77** imsemmi.

Illi bla pregudizzju ghal dan kollu jinghad illi l-kwistjoni ta' ezamijiet xjentifici u genetici hija kkonsidrata biss fil-ligi nostrali fl-**artikolu 70 (3) tal-Kap 16** u dan b'referenza ghall-azzjoni ta' denegata paternita` li jaghmel ir-ragel ta' omm il-minuri, u ghalhekk fil-kuntest odjern lanqas japplika *stante* li l-azzjoni odjerna manifestament m'hijiex dik kontemplata taht l-**artikolu 70 tal-Kap 16**, proprju ghaliex l-azzjoni giet istitwita minn persuna differenti minn dik hemm kontemplata.

Illi ghalhekk abbazi ta' dak kollu premess jirrizulta wkoll li t-testijiet xjentifici li saru mill-attur u l-konvenuta fuq l-istess minuri saru abbusivament u dan mhux lanqas *stante* li l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri kienet, kif ghadha f'idejn il-konvenut John Mary Ciappara u dan mhux biss permezz tal-ligi, li tirrikonoxxi l-paternita' tieghu biss, izda wkoll b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili li fdatlu l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri bi dritt ta' access biss *verso* martu. Mhux hekk biss izda jirrizulta car li l-istess testijiet xjentifici saru abbusivament minn Alexander Gingell u mis-socjeta' Clinipath Services Limited, li fl-ebda mument ma' indenjaw ruhhom la jirreferu ghal-ligi u wisq inqas jitolbu l-kunsens tal-persuna li legalment kienet indikata bhala missier l-istess minuri u lanqas ghall-persuna li legalment kienet tipprezenta l-istess minuri.

Illi fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li abbazi tal-ligi kif inhi llum l-istess allegati rizultati tat-testijiet xjentifici, u kull referenza ghalihom fl-istess atti tal-kawza ghandhom jigu sfilzati, *stante* li dawn jirrizulta li gew pprezentati abbusivament u mhux biss qatt ma' kellhom jigu pprezentati minhabba d-diposizzjonijiet legali fuq indikati li jipproteggu l-legittimita' ta' stat ta' kull persuna, izda wkoll ghaliex saru kontra kull provvediment legali, bla awtorizzazzjoni tal-Qorti, u minghajr l-awtorizzazzjoni tal-konvenut John Mary Ciappara li kellu u ghandu l-istat ta' missier tal-istess minuri, kemm legalment, gudizzjarment u fattwalment.

Illi dan apparti l-fatt li mill-provi prodotti hemm dubji serji dwar il-prewkawazzjonijiet li kellhom jittiehdu ghall-

identifikazzjoni ta’ l-allegati kampjuni elevati minn fuq il-partijiet koncernati, u certament li f’dan il-kuntest hemm bzonn legislazzjoni *ad hoc* kemm dwar meta u kif jistghu jsiru tali testijiet xjentifici u kif ukoll dwar il-procedura ghat-tehid u ghall-identifikazzjoni u l-konservazzjoni ta’ l-istess kampjuni w ukoll sabiex il-labarotarji li fihom jkunu jistghu isiru tali testijiet ghall-skopijiet tal-ligi, jigu debitament certifikati bhala tali mill-Awtoritajiet kompetenti. Haga li sallum ma tezistix, u li din il-Qorti thoss li ghandha ssir jekk mhux minnufih, fl-iqsar zmien possibbli, u dan sabiex il-procedura kollha fejn applikabbli tkun istitwieta b’mod professjonali, tkun trasparenti w ikollha l-garanziji kollha necessarji fil-ligi, li jelimanaw kemm jista’ jkun kull dubju, incertezza, u abbuz bhal ma’ sar f’dan il-kaz mill-persuni kollha koncernati.

Illi ghal dak li jirrigwarda jew inkellha jista’ jigi vantat bhala l-allegat dritt tal-attur li jitlob li jsiru tali testijiet xjentifici, l-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza citata **“Nylund vs Finland”** fejn jirrizulta li:

*“The right to have biological paternity examined by scientific means was not a right recognised by the relevant national law, i.e. the Paternity Act. In so far as the applicant's action could be understood as a request for the annulment of the husband's paternity and the establishment of his own, he did not have the right to make such a claim under the Paternity Act. Neither could such a right be derived, from Article 8 of the Convention, which is directly applicable in Finland. Therefore, his claim did not concern a right which could arguably be said to be recognised under national law. Article 6 was thereby inapplicable: manifestly ill-founded”.*

Illi jidher li s-sitwazzjoni tapplika wkoll ghall-ordinment guridiku Malti w ghalhekk anke f’dan il-kuntest ic-citazzjoni attrici ma tistax tirnexxi, filwaqt li din il-Qorti taghmel referenza ghal dak kollu li jinghad fl-istess sentenzi fuq citati w ukoll ghas-sentenzi fl-ismijiet **“Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella et”** (P.A. (R.C.P.) l-1 ta’ Marzu 2001) u **“Martin Gaffarena vs**

**Doreen Zammit et"** (P.A. (RCP) 26 ta' Gunju 2003) diga' fuq kwotati.

Illi dwar l-**artikolu 100 A** citat jirrizulta car li dan japplika biss fil-kaz ta' wild illegittimu, u f' dikjarazzjoni ta' maternita' jew paternita' fil-konfront ta' l-istess u certament li dan ma japplikax ghall-kaz in ezami li jittratta dwar wild legittimu.

Illi fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta li mhux biss l-ewwel zewg talbiet attrici ghandhom jigu michuda, izda wkoll it-tielet talba attrici *stante* li ma hemm l-ebda dubju li fid-dawl tal-fatt fuq esposti f'din il-kawza fil-konfront tal-attur, l-kura u l-kustodja tal-minuri fil-kuntest ta' din il-pendenza m'ghandhiex tigi fdata f'idejn l-attur, u lanqas f'idejn l-ebda persuna ohra hlief il-konvenut John Mary Ciappara.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-Qorti kif diversament presjeduta dwar in-nomina ta' *social worker, stante* li wara tali nomina ma jirrizultax mill-atti li l-istess *social worker* qatt giet notifikata jew identifikata fl-inkarigu moghti, u fuq kollox jidher li l-partijiet ma ghamlu xejn sabiex jattivaw l-istess nomina, u f'dan l-istadju tal-kawza certament li din il-Qorti thoss, li abbazi tar-rizultanzi fuq indikati tali nomina, ghall-iskopijiet ta' din il-kawza ma hemmx verament bzonnha.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut** u abbazi tar-rizultanzi fuq indikati l-ewwel, it-tielet, is-seba', l-hdax, u t-tnax il-talba. Is-seba' talba u l-hdax il-talba qed jigi milqugha biss fil-kuntest tac-cahda minn din il-Qorti tat-tielet talba attrici.

Illi dwar it-tieni u l-erbatax il-talba din qed tigi michuda *stante* li l-ligi taghti dritt li kull persuna interessata li taghmel l-istess azzjoni, u ghalkemm l-attur ghamel dan b'metodi abbusivi, dan ma jfissirx li l-attur ma ghandux tali dritt ta' azzjoni. Il-fatt li l-istess azzjoni hawn giet dikjarata bhala mhux legalment sostenibbli minhabba r-rizultanzi

fuq indikati ma jfissirx li l-istess attur ma kellux interess guridiku. Mill-bqija din il-Qorti tikkonferma li l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda.

Illi fil-konfront tar-raba’ u ghaxar talba din il-Qorti tirrileva li fl-ewwel lok tali digriet kien gie revokat b’digriet tat-3 ta’ April 2000 fejn gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lill-minuri. Illi b’digriet ulterjuri datat 11 ta’ Gunju 2004 dan l-ahhar digriet gie wkoll revokat *contrario imperio stante* li ma jidhirx mill-atti li tali nomina effettivament saret u ghalhekk din il-Qorti hatret lill-konvenut John Mary Ciappara sabiex ikun kuratur ta’ l-istess minuri fl-atti ta’ din il-kawza, anke peress li huwa l-persuna li attwalment kellu l-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din il-talba.

Illi dwar il-hames, it-tmien u d-disa’ talba tal-konvenut din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-istess *stante* li tali disposizzjoni gja giet sfilzata b’ordni ta’ din il-Qorti kif presjeduta datata 3 ta’ April 2000.

Illi din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tnax il-talba u tal-hmistax, sbatax, tmintax, wiehed u ghoxrin, tnejn u ghoxrin u tlieta u ghoxrin talba attrici *stante* li dawn jikkonsistu verament iktar f’sottomissjonijiet milli talbiet *ad hoc* u li *in verita’* din il-Qorti hadet konjizzjoni taghhom fit-trattazzjoni tal-kawza.

Illi dwar is-sittax il-talba tichad l-istess *stante* li l-konvenut ma ressaq ebda provi konkreti dwar l-istess ghalkemm bhala procedura ma hemm l-ebda dubju li l-istess l-attur u l-konvenuta abbuzaw mill-proceduri gudizzjarji.

Illi s-sitt talba qed tigi michuda ghaliex infondata fil-fatt u fid-dritt; it-tlettax il-talba ghandha tigi michuda fis-sens biss li l-istess socjeta’ lanqas hija biss parti minn din il-kawza, u fil-kuntest ta’ dan il-fatt tali talba hija nulla u bla effett;  tichad ukoll id-dsatax il-talba *stante* li l-**artikolu 100A** ma ghandu x’jaqsam xejn mal-kaz odjern; tichad l-ghoxrin talba *stante* li dan ma huwiex mertu ta’ din il-

kawza izda fil-kuntest tal-kawza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet li ghada pendenti.

Illi f’dan l-istadju tichad it-tlieta u ghoxrin talba u l-erbgha u ghoxrin *stante* li ma jidhirx li huwa l-kaz li taghti l-istess ordni f’dawn il-proceduri.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa’ biss l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku w ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Mary Ciappara inkwantu l-istess eccezzjonijiet huma kompatibbli ma’ dak fuq deciz, **tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha tac-citazzjoni attrici kontra l-attur u l-konvenuta Sonia Ciappara *proprio.*

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut John Mary Ciappara** din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tichad t-tieni, s-sitt, it-tlettax, l-erbatax u s-sittax, dsatax, ghoxrin, it-tlieta u ghoxrin u l-erbgha u ghoxrin talba u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba’, hames, tmienja, disa’, ghaxra, tnax, hmistax, sbatax, tmintax, wiehed u ghoxrin, tnejn u ghoxrin u tlieta u ghoxrin talba attrici u tilqa’ biss l-ewwel, it-tielet, is-seba’, l-hdax, u t-tnax it-talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu** biss fis-sens hawn deciz u fi-kuntest ta’ dak kollu li inghad f’din id-decizjoni fil-kuntest tal-azzjoni attrici u c-cahda ta’ l-istess azzjoni attrici.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba jibqghu a karigu tal-konvenut John Mary Ciappara *stante* li hafna mit-talbiet in konnessjoni mal-istess setghu facilment gew evitati.

Illi *inoltre* din il-Qorti thoss li l-attur u l-konvenuta Sonia Ciappara abbuzaw mill-proceduri kollha li saru quddiem din il-Qorti, u dan ghar-ragunijiet fuq indikati f’din is-

sentenza, inkluz fejn agixxew ghan-nomina ta' kuraturi deputati u kif trattaw l-istess nomina, il-fatt li ghamlu wkoll testijiet fuq il-minuri bla l-awtorizzazzjoni tal-Qorti w ukoll minghajr il-kunsens tal-persuna li kellha l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri, u fejn urew ukoll pika esegerata fil-konfront tal-konvenut, b'dannu fl-ahhar mill-ahhar ghall-istess minuri, u bil-mod esegerat kif l-istess partijiet ressqu l-provi quddiem din il-Qorti. Allura din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lilll-attur u lill-istess konvenuta Sonia Ciappara jhallsu flimkien u in solidum bejniethom is-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlas mill-attur u l-konvenuta kif premess ghandu jsir fi zmien tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Illi fuq l-istess binarju din il-Qorti thoss li l-istess konvenut John Mary Ciappara *proprio* abbuza mill-procedura quddiem din il-Qorti anke bl-ammont sostanzjali ta' rikorsi li huwa pprezenta b'numru esegerati ta' talbiet u wkoll numru esegerat ta' talbiet fil-kontro-talba tieghu, hafna minnhom superflui u ripettitivi, u wkoll bil-mod kif ressaq b'mod li jista' jissejjah bla kontroll il-provi tieghu tant li kkontribiwixxa mhux ftit sabiex l-istess process fih mal-elf pagna, process u volum ta' dokumenti u traskrizzjonijiet ta' xhieda li setgha facilment gie evitat kieku l-provi u s-sottomissjonijiet saru b'ordni u b'certu ammont ta' serjeta' u professjonalita', kollha atti dawn li tawlu l-proceduri inutilment quddiem l-istess Qorti, u ghalhekk minhabba dak premess tordna lill-konvenut John Mary Ciappara jhallas somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlas mill-konvenut John Mary Ciappara ghandu jsir fi zmien tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Illi din il-Qorti tordna wkoll li *in vista'* ta' dak decretat minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Jannar 2000 a fol. 138 sa 143 tal-process tordna li kopja legali ta' din id-decizjoni u ta' l-istess Digriet tat-18 ta' Jannar 2000 jigu *ai termini* tal-**paragrafu 10 (2) ta' l-Iskeda A tal-Kap 12** jigu komunikati formalment lill-Kummissjoni ghall-Aministrazzjoni tal-Gustizzja sabiex l-istess Kummissjoni

fil-kompetenza taghha tiehu l-passi li jidhrilha xierqa skond il-ligi fid-dawl ta’ l-allegazzjonijiet hemm indikati inkluz (u mhux biss) u senjatament fejn jinghad li *“sew Carmel sive Charles Gauci u Sonia Ciappara infurmaw lill-Qorti li l-protest fuq imsemmi tal-20 ta’ Dicembru 1999 ma sarx fuq struzzjonijiet taghhom. Ghal-kuntrarju huma saru jafu bih biss mill-gazzetti lokali…….”*

Illi din il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza ghandha tigi notifikata a spejjez taz-zewg partijiet ukoll lill-Ministru tal-Gustizzja w Intern u lis-Segretarju Parlamentari fl-istess Ministeru u lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-informazzjoni taghhom fid-dawl tar-rizultanzi kollha f’dan il-kaz, inkluz il-mod kif saru testijiet xjentifici fuq il-minuri f’din il-kawza fuq insistenza ta’ l-attur u l-konvenuta Sonia Ciappara mis-socjeta’ Clinipath Services Limited u minn Alexander Gingell u wkoll dwar il-komportament ta’ l-*counselling pschologist u family therapist* indikata f’din il-kawza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------